Vol 42
Nru 213
Lulju - Settembru 2021

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2021

comalt@ofm.org.mt
www.co-malta.org

Qoxra Quddiem:
*San Ġwann il-Battista.*
*Pittura f'San Ġwann*
*fid-Deżert, Ain Karem*

# Werrej



6



18



24




29

6 L-Għerien-Knejjes ta’ San Ġwann u l-Viżitazzjoni f’Ain Karem

18 Ġrajjet ta’ San Pietru u San Pawl fir-Rakkont tal-Atti tal-Appostli

24 Ix-Xbiha tal-Ħżiem (Ġer 13, 1-11) (3)

29 Ġwanni L-Battista Prekursur tal-Mulej(1)

39 L-Isfond tal-Prologutal-Evanġelju skont San Ġwann

39




# Editorjal

ta’ Patri Twanny Chircop ofm



## IL-KUSTODJA FIL-GŻEJJER TAL-GREĊJA

Meta nitkellmu dwar l-Art Imqaddsa normalment naħsbu fil-missjoni li l-Franġiskani jmexxu f’Israel u fil-Palestina, fejn hemm il-maġġoranza tas-Santwarji tal-Fidwa. Ftit naħsbu li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa hi mifruxa fuq medda ta’ art ħafna akbar. Fl-imgħoddi, per eżempju, l-Eġittu kien kollu parti mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa, imma llum sar Provinċja Franġikana awtonoma, iddedikata lis-Sagra Familja, filwaqt li l-Kustodja żammet biss iċ-Ċentru ta’ Studji Orjentali Kristjani fil-kunvent tal-Muski fil-Kajr. Il-Kustodja hi preżenti wkoll fil-Ġordanja, fil-Libanu u fis-Sirja. F’din iż-żona, magħrufa bħala r-Reġjun ta’ San Pawl, il-Kustodja tmexxi diversi parroċċi u santwarji, fosthom is-Santwarju tal-Muntanja Nebo fil-Ġordanja, il-Memorjal ta’ San Pawl f’Damasku fis-Sirja, li jfakkar il-konverżjoni tal-Appostlu tal-Ġnus, u l-knisja li tfakkar id-dar ta’ Ananija, wkoll f’Damasku. F’dan ir-Reġjun il-Kustodja Franġiskana għandha parroċċi fil-Libanu (Tripli, Ħarissa, Beirut, Tir u Deir Mimas) u fis-Sirja (Bab Touma u Salħieh f’Damasku, San Franġisk f’Aleppo, u l-parroċċi tal-irħula ta’ Yacoubieh u Knayeh). Il-Kustodja tmexxi wkoll Kulleġġ tat-Terra Santa f’Amman fil-Ġordanja u f’Aleppo fis-Sirja, kif ukoll ċentru parrokkjali ta’ Er Ram f’Aleppo



Kamp ta' refuġjati - Rodi



*P. John Luke Gregory*

u l-kunvent parroċċa ta' Ghassanieh (li attwalment jinsab meqrud minħabba l-gwerra ċivili fis-Sirja).

Din il-preżenza tal-Kustodja fil-Lvant Nofsani għandha wkoll preżenza storika fiż-żona tal-Baħar Eġew, bejn il-Greċja u t-Turkija. Fil-fatt, sa mit-twaqqif tagħha, l-Kustodja tal-Art Imqaddsa kienet ukoll tinkludi l-Greċja, għalkemm fl-1263 din iż-żona infirdet mill-Provinċja tas-Sirja (Art Imqaddsa) u bdiet tissejjaħ il-Provinċja tar-Romanija. Il-Kustodja kellha kunvent kbir f'Kostantinopli (Istanbul), li llum sfortunatament ma għadux f'idejha. Imma għad għandha preżenza ħajja u dinamika f'żewġ gżejjer Griegi tal-Baħar Eġew, jiġifieri f'Rodi u Kos.

Rodi hi l-akbar gżira fil-grupp tal-gżejjer tad-Dodecanese, jiġiferi l-gżejjer Griegi li hemm faċċata tal-kosta tat-Turkija. Bħala gżira għandha storja glorjuża, u hi magħrufa l-aktar għall-perjodu li fiha kienu jsaltnu l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, wara li kienu tkeċċew minn Ġerusalemm (1187) u Akri (1291) u kellhom isibu kenn temporanju f'Ċipru. L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann dam fuq Rodi mill-1310 sal-1522, kważi daqs l-istess żmien li mbagħad kellu jdum f'Malta (1530-1798). F'Rodi għad hemm diversi fdalijiet mill-isbaħ tar-renju tal-Kavallieri, l-aktar fil-fortifikazzjonijiet medjevali, kastelli u palazz tal-Gran Mastri li għadu jiddomina fuq il-belt u l-port ta' Rodi. L-istess ngħidu dwar il-gżira iżgħar ta' Kos, li kienet ukoll taħt il-ħakma tal-Kavallieri u li fiha kastelli u fortifikazzjonijiet tal-epoka.

Fil-gżira ta' Rodi l-Franġiskani kienu preżenti sa minn diversi sekli ilu, imma l-knisja prinċipali Kattolika tal-gżira, li fil-maġġoranza hi Griega Ortodossa, inbniet kif inhi llum fl-1853. Il-knisja hi ddedikata lil Santa Maria delle Vittorie, billi Rodi wkoll tfakkar il-festa tan-Natività tal-Verġni Marija fit-8 ta' Settembru, l-aktar bir-rabta mal-ikona famuża tal-Madonna ta' Filerimos, li kienet meqjuma fuq il-muntanja ta' Rodi u li mbagħad il-Kavallieri ġabuha magħhom f'Malta u wara spiċċat fir-Russja, u llum tinsab imħarsa fil-Mużew tal-Arti ta' Cetinje fil-Montenegro. Din l-istorja kompliet

billi fl-1972 il-missjoni ta' Rodi għaddiet minn idejn il-patrijiet Franġiskani ta' Assisi f'idejn il-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li akkwistat iż-żewġ knejjes Kattoliċi prinċipali tal-gżira, dik ta' Santa Maria delle Vittorie u dik ta' San Franġisk, barra l-ħitan tal-belt storika ta' Rodi.

Għalkemm dan l-aspett storiku hu importanti biex nifhmu l-preżenza Franġikana fil-gżejjer Griegi ta' Rodi u Kos, ta' min isemmi l-ħidma pastorali li l-Kustodja twettaq f'dan ir-reġjun tal-Greċja. Il-gżejjer Griegi mhumiex biss ċentri magħrufin ta' turiżmu, fejn diversi turisti Ewropej jiġu l-aktar fis-sajf u għaldaqstant isibu wkoll servizz reliġjuż fil-knejjes Kattoliċi tal-gżejjer. Dawn il-gżejjer illum saru wkoll ċentri li fihom marru jgħixu diversi immigrati biex ifittxu x-xogħol fil-qasam tat-turiżmu F'dawn l-aħħar snin, imbagħad, minħabba l-viċinanza tat-Turkija (li tidher mill-kosta tal-gżejjer ftit kilometri biss bogħod minnhom), eluf ta' immigrati klandestini, l-aktar Sirjani, jaqsmu l-baħar u jittantaw xortihom fl-Ewropa. Dan il-fenomenu qajjem problemi kbar biex dawn l-immigranti jiġu inseriti f'ambjent li mhux dejjem lest li jilqagħhom bi spirtu ta' akkoljenza.

Għal dawn l-aħħar 17-il sena ilu preżenti f'Rodi Patri John Luke Gregory, patri Ingliż tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Patri John Luke hu bniedem dinamiku. Jitkellem l-Ingliż, it-Taljan, il-Grieg, il-Ġermaniż, il-Polakk, il-Latin, u għalhekk inserixxa ruħu b'mod sħiħ fil-pastorali tal-gżejjer Griegi. Għalkemm residenti fil-kunvent ta' Santa Maria delle Vittorie, flimkien ma' Franġiskani oħrajn u saċerdoti ospiti hu jaħdem fir-reġjun kollu tal-gżejjer Griegi taż-żona tad-Dodecanese.

Patri John Luke, li għal xi żmien qabel daħal patri għex ukoll Għawdex u jaf lil Malta, sar popolari fuq diversi "features" li dehru fuq il-ġurnal tal-Vatikan "Osservatore Romano" għall-ħidma kbira karitattiva tiegħu favur l-immigranti klandestini fil-kampijiet tar-refuġjati li hemm fuq Rodi u Kos. Realtà li ħadd ma kien jaf biha, f'nofs gżejjer mimlijin turisti u postijiet ta' divertiment. Fis-skiet u bla ma jdoqq trombi Patri John Luke jaħdem biex jagħti dinjità u tama lil dawn ir-refuġjati, ħafna minnhom vittmi tal-gwerra ċivili fis-Sirja. Hu jorganizza għalihom għajnuniet u joffrilhom ikel u ħtiġijiet fundamentali tal-ħajja, l-aktar bl-għajnuna tal-NGO "Associazione di Terra Santa" u voluntieri li jgħinuh. Hu verament Franġiskan li għaraf jagħmel karità fis-skiet, u li Alla ippremja l-ħidma tiegħu billi sar popolari ħafna saħansitra mal-Papa Franġisku li ried jiltaqa' miegħu u jisma' dwar is-sitwazzjoni mwiegħra tal-immigrati ta' Rodi u Kos.

Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa fil-gżejjer Griegi qiegħda toffri servizz umanitarju prezzjuż, u marbut mal-missjoni tagħha fil-Lvant Nofsani. Jekk is-Sirja hi waħda mill-aktar pajjiżi li tgħin il-Kustodja bil-preżenza tagħha, issa anke Rodi saret il-gżira tat-tama għal eluf ta' Sirjani immigrati li jsibu f'Patri John Luke u fil-Kustodja raġġ ta' tama fit-tfittxija tagħhom għal ġejjieni aħjar għalihom u għall-familji tagħhom. Mod kif il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa jagħmlu karità mingħajr ħafna daqq ta' trombi u popolarità fil-mezzi tax-xandir.


Għar-Knisja ta' S. Ġwann fid-Deżert

# L-GĦERIEN-KNEJJES TA' SAN ĠWANN U L-VIŻITAZZJONI F'AIN KAREM

**Noel Muscat ofm**

*Għerien-Knejjes fl-Art Imqaddsa (III)*

Fl-Evanġelju tiegħu San Luqa jiddeskrivi kif Marija, wara li l-Arkanġlu Gabriel ħabbrilha t-twelid ta' Ġesù u tgħarrfilha li qaribitha Eliżabetta kienet tqila, "qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet f'belt tal-Lhudija, daħlet fid-dar ta' Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta" (Lq 1,39-40).

## Ir-raħal ta' Ain Karem u r-rabta tiegħu ma' S. Ġwann Battista

Il-post li fih kienet tgħix Eliżabetta kien jiġi ndikat mill-pellegrini fis-6 seklu xi 8 kilometri barra Ġerusalemm. Fis-seklu 8 il-Lezzjunarju Gregorjan isemmi li kien hemm knisja fid-dar ta' Eliżabetta fir-raħal ta' *Encharim* (Ain Karem). Fis-seklu 10 Eutychius isemmi knisja ta' Żakkarija. Din x'aktarx tirreferi għall-knisja li tfakkar it-twelid ta' San Ġwann.

L-ewwel deskrizzjoni li għandna tad-dar ta' Żakkarija, fejn twieled Ġwanni l-Battista, hi dik tal-Abati Danjel fi żmien il-Kruċjati (1106-1108): "F'dan il-post inbniet knisja għolja. Fuq ix-xellug int u tidħol fil-knisja hemm għar ċkejken li fih altar. F'dan l-għar twieled Ġwanni l-Prekursur."

Fit-28 ta' Settembru 1110 ir-re Kruċjat Baldovino I offra żewġ irħula qrib Ġerusalemm, dawk ta' Bait Safafa u Montana (Ain Karem) lill-Kavallieri Ospitalieri (ta' San Ġwann). Minn dak iż-żmien ir-raħal ta' *Montana* beda jiġi identifikat ma' Ain Karem u l-knisja bdiet tissejjaħ San Ġwann *in Montana* (*montana Judaeae*), tradizzjoni li tmur lura għal San Ġilormu li ttraduċa l-espressjoni griega εἰς τὴν ὀρεινὴν (*eis tèn oreinèn*) bil-latin *in montana*, u applikaha għaż-żona partikulari tal-għoljiet barra Ġerusalemm fejn tinsab Ain Karem. Fl-1175 Teodorico jirreferi għall-post bħala San Ġwann *Silvestris* (fil-boskijiet).

Fl-1166 ir-re Amalric ikkonferma lill-abati u l-kanoniċi tat-*Templum Domini* ta' Ġerusalemm il-proprjetà tad-dwieli

*Ir-raħal ta' Ain Karem*



u d-dar ta' San Ġwann. Il-kanoniċi tat-*Templum Domini*, il-koppla tal-blata fuq l-ispjanata tat-Tempju (li l-Kruċjati kienu ħadu mill-Musulmani u bidluha fi knisja) kienu l-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, li allura x'aktarx li kienu juffiċjaw il-knisja ta' Ain Karem.

Fl-1185 ir-raħeb Grieg Ġwann Phocas jiddeskrivi l-knisja bħala mibnija fuq l-għar li fih twieled il-Battista. Fl-1187 Saladin ħa din il-knisja f'idejh wara li keċċa lill-Kruċjati minn Ġerusalemm. Fis-seklu 14 insibu xi riferimenti minn pellegrini li kienu jżuru Ain Karem, li jsemmu ż-żewġ knejjes, jiġifieri dik tat-twelid tal-Prekursur u dik ta' Santa Elizabetta (il-Viżitazzjoni), marbutin rispettivament mal-kantiċi evanġeliċi tal-*Benedictus* u l-*Magnificat*.

Fl-1335 Giacomo di Verona jikteb li r-raħal kien f'idejn is-Saraċini, u li wieħed ried jinżel 20 tarġa biex jasal fl-għar li fih hemm l-altar li jimmarka l-post tat-twelid tal-Battista.

Fl-1346-50 il-pellegrin Franġiskan Nicolò da Poggibonsi jikteb: "Meta tinżel issib il-monasteru fuq ħotba żgħira fil-wied. Fih ħafna binjiet li fihom joqogħdu ħafna Saraċini krudili u ħżiena. Ġewwa hemm knisja sabiħa, li għaliha titla' minn erba' tarġiet. F'nofs il-knisja, fuq ix-xellug tal-altar, hemm bieb li jdaħħlek f'kappella; ġewwanett fil-kappella hemm abside li fiha blata li fuqha ssir il-Quddiesa. Taħt il-blata, ġewwa l-abside, hemm ġebla bajda, u hu f'dak il-post li Eliżabetta welldet lil San Ġwann Battista."

Lejn tmiem is-seklu 14 l-insara ma setgħux iżuru l-knisja, għax kienet saret stalla. Imma mill-pellegrin Russu Grethenios nafu li, għalkemm il-knisja kienet abbandunata, il-patrijarka Grieg kien jiġi kull sena biex jiċċelebra l-festa tat-twelid ta' San Ġwann fl-24 ta' Ġunju.

Francesco Suriano jgħidilna li fl-1485 il-Franġiskani kien irnexxielhom jixtru l-kappella tat-twelid tal-Battista u dawwruha b'ħajt, u darba fis-sena kienu jiġi jiċċelebraw il-Quddiesa nhar jum il-festa tat-twelid tal-Prekursur. Fl-1480-83 Felix Faber jiddeskrivi l-knisja bħala twila, bil-volta u għadha mpittra, filwaqt li Suriano jikkonferma li ma kinetx iġġarrfet.

Kien biss fid-29 ta' April 1621 li l-Kustodju Patri Tommaso Obicini da Novara rnexxielu jakkwista l-permess mill-Qâdi ta' Ġerusalemm biex jirrestawra l-knisja kif kienet oriġinarjament u jħalli hemmhekk tliet Franġiskani biex juffiċjawha. Il-prokuratur tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li ħadem biex jiġi akkwistat dan is-santwarju f'dak iż-żmien kien Patri Michele Albino, Franġiskan Malti.

Fl-1626 il-Franġiskan Francesco Quaresmi jikteb: "il-post tat-Twelid ta' San Ġwann instab li kien miksi bl-irħam, u fiċ-ċentru tnaqqxet stilla bħal dik li hemm fil-post tat-Twelid tal-Mulej f'Betleħem: l-art kienet kollha mużajkata." F'dan iż-żmien, iżda, l-knisja kienet diġà reġgħet waqgħet lura f'idejn il-proprjetarji Musulmani u reġgħet inbidlet fi stalla. Imma fl-1673, wara l-intervent tal-ambaxxatur Franċiż quddiem is-Sultan Tork f'Kostantinopli, il-knisja reġgħet ingħatat lill-Franġiskani. Kellha bżonn restawr għax parti mis-saqaf kien sfrondat, imma fl-1674 il-Kustodju Patri Claudio di Lodi ħa l-pussess formali tagħha f'isem il-Kustodja tal-Art Imqaddsa fid-29 ta' April.

Il-pellegrini li żaru l-knisja jiddeskrivuha bħala knisja li għandha volta u koppla sabiħa fuq tambur ottagonali li minnha jidħol id-dawl, u li fuq ix-xellug hemm kappella mħaffra fil-blat li fiha altar u li tinżel fiha bit-taraġ. Għalkemm l-inkwiet mal-ex-proprjetarji Musulmani kompla għal xi seklu ieħor, bejn l-1694 u l-1697 il-Franġiskani rrestawraw il-knisja u bdew

joqogħdu fil-kunvent b'mod stabbli. Kien f'dan iż-żmien li l-għar-knisja tat-Twelid tal-Prekursur ġie miksi bl-irħam kif għadu jidher sal-lum. L-altar tal-kripta li naraw illum tqiegħed fl-1857. Matul is-seklu 19 saru diversi xogħlijiet ta' restawr fil-knisja.

## L-Għar-Knisja tat-Twelid tal-Battista

L-Għar-Knisja jissemma għall-ewwel darba mill-Abati Danjel fl-1106-08. Hu għar forma ovali, maqtugħ fil-blat, twil 5 metri u wiesa' 4 metri, u 3.2 metri għoli. Is-saqaf tiegħu forma ta' koppla, li fih antikament kien hemm fetħa. Jinsab fuq it-tramuntana tal-abside tal-knisja prinċipali ta' San Ġwann *in Montana*, u tasal għalih min-navata tat-tramuntana tal-knisja li twasslek għal taraġ tar-rħam li jinżel fl-għar. Qrib il-bidu tat-taraġ, fuq il-ħajt tax-xellug, tinnota diversi oqbra Biżantini mħaffrin fil-blat, li huma indikazzjoni tal-kult li dan il-post kien igawdi sa mill-qedem. L-art tal-għar hi pavimentata minn tesseri rettangolari ta' stil Cosmatesque medjevali. L-għar jinsab xi 1.2 metri taħt il-livell tal-knisja. Fih altar mal-ħajt tal-abside li jmur lura għal wara l-1673, u li taħtu hemm stilla tar-rħam li timmarka l-post tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, *Hic Præcursor Domini Natus Est*, fuq l-istess stil tal-istilla


*Għar-Knisja tat-Twelid ta' S. Ġwann, Ain Karem*


*Altar fuq il-post tat-Twelid ta' S. Ġwann Battista*

li timmarka l-post tat-Twelid ta' Ġesù f'Betleħem. L-arkeoloġi Franġiskani Bellarmino Bagatti u Eugenio Alliata jikkonkludu li l-għamla tal-għar u l-fatt li kellu fetħa fis-saqaf jindika li oriġinarjament seta' kien xi silo jew ġiebja. Hu x'inhu, l-għar hu ħafna eqdem mill-knisja. Fl-1480 Felix Faber jinnota li kien ra xi pitturi fl-għar, imma dawn illum għebu għal kollox.

Il-fatt li dan il-post kellu kult sa mill-qedem jidher ukoll mill-fdalijiet Biżantini li nstabu taħt il-knisja attwali. Taħt il-portiku li żdied mal-faċċata, li hi għolja sewwa mill-pjazza ta' quddiemha, saru skavi minn P. Sylvester Saller fl-1941-42, u nstabet kripta forma ta' kappella rettangolari, xi 14-il-metru twila u ħdax-il metru wiesgħa, li għandha abside fuq ix-xaqliba tal-lvant, li tikkorrispondi għal pożizzjoni taħt il-bieb prinċipali tal-knisja. L-abside kellha fiha żewġ oqbra Biżantini, u fiha wkoll mużajk bil-kliem Grieg χαιρετώ μάρτυρες του Θεού (*chairetó mártyres tou Theoú*), "Sliem għalikom, martri ta' Alla." Dan jindika li din il-kappella kienet isservi bħala *martyrium* jew kappella ta' tifkira. Fuq in-nofsinhar tal-kripta kien hemm ukoll bażilika Biżantina b'abside semi-ċirkulari u mużajċi li jmorru lura għas-sekli 5-6.

## Il-Knisja-Għar tal-Viżitazzjoni u ta' San Ġwann fid-Deżert

L-istorja dwar kif it-tfajjel Ġwanni l-Battista ħarab mill-qilla tal-persekuzzjoni ta' Erodi meta dan qatel it-Trabi Innoċenti, ħakmet is-sensibilità tal-kittieba Kristjani tal-qedem. Il-kitba apokrifa Psewdo-Vanġelu ta' Ġakbu ta' nofs it-tieni seklu tgħid li Eliżabetta ħarbet bit-tfajjel Ġwanni lejn l-għoljiet u talbet il-protezzjoni ta' Alla. Dak il-ħin il-blat infetaħ biex laqa' fih lill-omm u lit-tarbija f'għar u ħbiehom mis-suldati ta' Erodi. Għaldaqstant f'epoka Biżantina dan l-għar ġie assoċjat mal-post li fih inħbiet Eliżabetta maċ-ċkejken Ġwann fid-"deżert", jew post imwarrab, fejn Ġwanni mbagħad kiber. Dan il-post hu indikat qrib ir-raħal Lhudi ta' Even Sappir, fuq in-Nahal Sorek (Wied ta' Sorek), xi 3 kilometri bogħod minn Ain Karem. Imma t-tradizzjoni rabtitu wkoll mal-knisja-għar jew kripta li hemm illum taħt il-knisja tal-Viżitazzjoni tal-Verġni Marija, fuq l-għolja faċċata tar-raħal ta' Ain Karem, hekk li x-xhieda antiki tal-fatt tal-ħarba ta' San Ġwann u Eliżabetta mhumiex dejjem ċari dwar liema miż-żewġ postijiet ikunu jirreferu għalih.

Fis-seklu 12 l-Abati Danjel jikteb: "F'dak il-post wieħed jista' jara l-blata sal-ġurnata tal-lum. Fuq dak il-post inbniet knisja ċkejkna, u taħt din il-knisja hemm għar żgħir u knisja oħra mibnija mal-għar quddiemha. F'dan l-għar inixxi ilma tajjeb ħafna, u Eliżabetta u Ġwanni kienu jixorbu dan l-ilma meta kienu jgħixu fl-għar fuq il-muntanja mħarsin mill-anġlu sal-mewt ta' Erodi. U din il-muntanja hi kbira u hi miksija bil-boskijiet u bil-widien mimlijin siġar."

Fl-1169 kienet twaqqfet l-abbazija ta' San Ġwann fil-Bosk (*in nemore*), li kienet dipendenti mill-abbazija Ċisterċensi ta' Belmont fil-Kontea ta' Tripli fil-Libanu.

Fl-1185 il-Grieg Ġwann Phocas isemmi dan l-għar, imma mhux il-knisja. Wara l-1187 l-post ma jissemmiex aktar, għax dik is-sena l-Kruċjati kienu tilfu Ġerusalemm, u jidher li dan is-santwarju kien ġie abbandunat. Ġer

Fl-1330 Antonio di Cremona jikteb: "Mhux bogħod mid-dar ta' Żakkarija, fuq ix-xaqliba tal-muntanja u mdawwar bis-siġar tal-bosk, hemm il-post li fih Santa Eliżabetta marret tinħeba ma' San Ġwann il-Battista."

Giacomo di Verona, fl-istess żmien, jikteb li dik il-knisja kienet marbuta mal-monasteru li fih kienu jgħixu rħieb Armeni, u li fil-knisja kien hemm 30 tarġa li kienu jniżżluk f'għar li fih kien hemm altar; dan kien il-post

li fih Santa Eliżabetta kienet tiġi titlob u fejn baqgħet sa ma twieled Ġwanni l-Battista. Dan ir-riferiment jindika din il-knisja bħala dik tal-Viżitazzjoni, fuq id-deskrizzjoni li jagħtina San Luqa 1,24-25: "Xi żmien wara, martu Eliżabetta nisslet fil-ġuf, u għal ħames xhur sħaħ fittxet li tinħeba min-nies, għax bdiet tgħid: 'Hekk għamel miegħi l-Mulej, li għoġbu jneħħili minn fuqi l-għajb li kelli quddiem in-nies!'"

Deskrizzjoni dettaljata tal-knisja jagħtihielna l-pellegrin Nicolò de Martoni, li kien mar l-Art Imqaddsa fl-1394 u fil-vjaġġ tiegħu kien ukoll waqaf Malta u Għawdex. Hu jgħid: "Tidher hemmhekk binja kbira, bħal kastell; imma kollox hu meqrud ħlief kappella li tinsab taħt volta li darba kienet kappella sabiħa, imma li minnha issa fadal biss żewġ ħitan ... Fuq il-lemin tal-kappella hemm fetħa f'xaqq fil-muntanja. Meta San Ġwann kien jaf li l-Innoċenti kienu qed jiġu maqtulin minn Erodi, hu ordna lill-muntanja biex tinfetaħ, u hemmhekk inħeba hu flimkien ma' Innoċenti oħrajn." Varjant ieħor tal-istorja li kull darba tirrepeti ruħha kemm fil-kripta-għar tal-Viżitazzjoni (li għalih qed jirreferi dan it-test) kif ukoll fl-għar tal-eremitaġġ ta' San Ġwann fid-Deżert, magħruf ukoll bl-isem ta' Ain al-Habis (l-Għajn tar-raħeb).


Knisja tal-Viżitazzjoni Ain Karem

Lejn is-seklu 14 din il-kripta-għar bdiet tiġi assoċjata mal-misteru tal-Viżitazzjoni u ċ-ċirkonċiżjoni ta' San Ġwann Battista, u hemmhekk il-pellegrini kienu jkantaw il-*Magnificat* u l-*Benedictus*.

Maż-żmien din il-kripta-għar ġiet okkupata mill-Għarab, u meta Felix Faber talab biex jidħol jaraha fl-1480-83 kellu jħallas il-flus lill-familja Għarbija li kienet okkupatha.

Fl-1485 il-Franġiskan Francesco Suriano jikteb: "Hemmhekk kien hemm knisja sabiħa u magħha monasteru, imma issa tinsab imġarrfa. Imma għad hemm l-altar maġġur wieqaf li fuqu tiġi ċċelebrata l-quddiesa f'ċerti festi. Id-dar saret knisja imma meta kont jien Gwardjan (Ġerusalemm) iġġarrfet u ma reġgħetx inbniet."

Kif għamlu fil-każ tal-għar-knisja tat-Twelid tal-Battista, fl-1679 il-Franġiskani rnexxielhom jakkwistaw ukoll din il-kripta u bnew il-volta ta' taħt il-knisja li kienet iġġarfet. Maż-żmien


L-Għar-Knisja ta' S. Ġwann fid-Deżert, Ain Karem

il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa rnexxielhom jibnu l-kunvent fuq il-fdalijiet Kruċjati. Fl-1891 bnew kampnar u wara li P. Bellarmino Bagatti għamel l-iskavi fl-1938 ġiet mibnija l-knisja superjuri fuq il-kripta-għar fuq id-disinn tal-arkitett Antonio Barluzzi.

Fil-każ tal-għar-knisja ta' San Ġwann fid-Deżert, fejn il-Franġiskani ilhom preżenti mill-1922, għandna xhieda ta' pellegrini medjevali l-aktar dwar l-għajn tal-ilma ġieri li tat l-isem lil dan il-post u li tnixxi fuq l-għar-kripta, li hu wkoll assoċjat mat-tradizzjoni li Eliżabetta staħbiet hemmhekk maċ-ċkejken Ġwanni fil-persekuzzjoni ta' Erodi.

Francesco Suriano jsemmi din in-nixxiegħa u jgħid ukoll li kien hemm fdalijiet ta' monasteru abbandunat. It-tifkira ta' Santa Eliżabetta f'dan il-post tiġi indikata wkoll f'binja forma ta' torri li hemm ftit 'il fuq mill-eremitaġġ Franġiskan, u li fiha kappella ddedikata lil Santa Eliżabetta u qabar tal-epoka Kruċjata li jissejjaħ "il-qabar ta' Eliżabetta," għax it-tradizzjoni tgħid li Eliżabetta mietet hawnhekk waqt li Ġwanni kien qed iħejji ruħu għall-ministeru profetiku tiegħu. Minn studju li sar fuq il-ġebel ta' dan it-torri jidher li l-binja hi Kruċjata, imma x'aktarx hemm ukoll ġebel li jmur lura għall-epoka Biżantina.

L-għar-kripta jinsab taħt il-kunventin Franġiskan u fuqu hemm ukoll knisja. Titla' għalih minn maġenb il-vaska li timtela bl-ilma tan-nixxiegħa ta' Ain al-Habis. Hu għar ċkejken li fih hemm ukoll l-istess formazzjoni fil-blat li nsibu fl-għar-kripta tal-Viżitazzjoni, jiġifieri l-fetħa fil-blat li tiġi assoċjata mal-fatt mirakoluż meta Eliżabetta marret tinħeba bit-tfajjel Ġwanni waqt il-persekuzzjoni ta' Erodi. Fuq l-altar żgħir tal-għar hemm rappreżentazzjoni reċenti ta' Eliżbetta bit-tfajjel Ġwanni l-Battista li saret mill-artist Malti Nathanael Theuma li għadda xi żmien f'dan l-eremitaġġ.

Ta' min iżid li t-tradizzjoni tal-Innoċenti maqtula minn Erodi hi ħajja fiż-żona ta' Ain Karem, li mhijiex daqstant bogħod minn Betleħem. Fil-fatt San Mattew 2,16 jgħid li: "Erodi mbagħad, meta ra li l-maġi kienu daħku bih, nkorla bis-sħiħ, u bagħat joqtol f'Betlehem u fl-inħawi kollha tagħha lit-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel, skont iż-żmien li sar jaf mingħand il-maġi." Il-fatt li ma' Betleħem jissemma wkoll ir-reġjun ta' madwarha ċertament jinkludi wkoll ir-raħal ta' Ain Karem bit-tifkiriet kollha li semmejna, li kollha għandhom referenzi għal din il-ġrajja. Fil-każ ta' San Ġwann *in Montana* għandna l-iskrizzjoni li rajna li ssellem lill-"Martri ta' Alla", u li ġiet assoċjata mal-Innoċenti Martri (anke jekk, fil-fatt, x'aktarx tirreferi għall-Martri tal-persekuzzjoni tar-rivoluzzjoni Samaritana tas-sena 529). Fil-każ tal-għerien-kripta tal-Viżitazzjoni u ta' San Ġwann fid-Deżert għandna l-fetħa fil-muntanja u l-blata mħaffra li mill-ġdid tfakkar l-istess ġrajja tat-tfulija tal-Battista, f'dawn iż-żewġ postijiet mal-ġenb tal-muntanja ta' Ain Karem li antikament kienu t-tnejn marbutin mal-figura ta' San Ġwann "fil-Boskijiet" u "fid-Deżert."

Billi hemm tliet postijiet li, f'distanza qasira, jfakkru kważi l-istess ġrajja, tajjeb li nippruvaw nispjegaw b'aktar dettall id-differenzi bejniethom billi, kif rajna, ix-xhieda tal-qedem ta' spiss ħawdu t-tifkira f'post jew f'ieħor u ma kinux dejjem ċari fid-deskrizzjoni.

## It-tradizzjoni dwar il-Battista fil-Protovanġelu ta' Ġakbu

Il-Protovanġelu ta' Ġakbu hu kitba apokrifa bil-Grieg li ġiet miktuba bejn is-snin 140-170 tal-era Kristjana. L-iskop tiegħu hu li jipprovdi żviluppi fuq ir-rakkonti tat-tfulija ta' Ġesù li nsibu fl-ewwel żewġ kapitli tal-Vanġeli ta' Mattew u Luqa, u jieqaf l-aktar dwar il-fatti bejn it-twelid ta' Marija u t-twelid ta' Ġesù, bl-iskop li jkun l-eqdem kitba Kristjana li tiddefendi l-verġinità ta' Marija. L-awtur hu indikat bħala "Ġakbu, ħu l-Mulej", jew Ġakbu l-Ġust, li ġie martirizzat fis-sena 62 u li kien il-kap tal-Knisja-Omm ta' Ġerusalemm (l-ewwel Isqof ta' Ġerusalemm). Bħal ħafna kitbiet oħrajn apokrifi din hi biss attribuzzjoni lill- kittieb li kellu awtorità fil-komunità Kristjana ta' Ġerusalemm. Fil-kuntest tat-tradizzjoni dwar Ġwanni l-Battista fil-Vanġeli tat-tfulija ta' Ġesù, il-Protovanġelu ta' Ġakbu wkoll jagħtina ħjiel interessanti lejn it-tmiem. Hu dan il-ħjiel li aħna sejrin nippreżentaw biex nifhmu aħjar dak li għidna dwar l-għerien-knejjes li f'Ain Karem ifakkru lill-Battista u

t-tfulija tiegħu. Inġibu, qabel xejn, is-siltiet minn dan il-Protovanġelu ta' Ġakbu (kapitli 22-24):

"Meta Erodi ntebaħ li l-Maġi kienu daħqu bih, inkorla bis-sħiħ u bagħat is-suldati tiegħu u qalilhom: 'Oqtlu t-tfal kollha ta' minn sentejn 'l isfel.'

Marija, meta semgħet li t-tfal kienu qed jiġu massakrati, ħadet lit-tfajjel (Ġesù), fisqietu u medditu f'maxtura tal-barrin. Eliżabetta wkoll, meta semgħet li kienu qed ifittxu lil Ġwanni, qabditu u telgħet bih fuq il-muntanja. Hi bdiet tħares madwarha biex issib fejn tista' taħbih, imma ma kien hemm l-ebda post li fih setgħet tinħeba. Eliżabetta, għaldaqstant, bdiet tibki u titlob b'leħen għoli: 'Muntanja ta' Alla, ilqa' lil omm u lil binha.' Dak il-ħin stess il-muntanja nferqet u laqgħethom ġo fiha. U deher quddiemhom dawl, għax Anġlu tal-Mulej kien niżel magħhom biex iħarishom.

Sadanittant Erodi kien ifittex lil Ġwanni, u bagħat xi qaddejja għand Żakkarija biex jgħidulu: 'Fejn mort taħbi lil ibnek?' Hu weġibhom: 'Jiena uffiċjal pubbliku ta' Alla u ngħix il-ħin kollu fit-tempju tal-Mulej. Jien ma nafx fejn jinsab ibni.' Il-qaddejja marru lura biex jinfurmaw lil Erodi. Dan xegħel bil-għadab u qalilhom: 'Dak hu ibnu li se jsaltan fuq Israel!' Għaldaqstant reġa' bagħathom biex jgħidulu: 'Għidilna l-verità: fejn hu ibnek? Taf tajjeb li jiena nista' nitħallas b'demmek.' Żakkarija wieġeb: 'Jekk inti xxerred demmi, jiena nsir xhud (martri) ta' Alla. L-ispirtu tiegħi jiġi milqugħ mis-Sid, għaliex inti tkun xerridt demm bla ħtija fil-vestibolu tat-tempju tal-Mulej.' Malli telgħet ix-xemx Żakkarija ġie maqtul. Ulied Israel ma kinux jafu li hu kien ġie maqtul.

Fil-ħin tat-talb, is-saċerdoti ħarġu barra, imma Żakkarija ma ġiex jilqagħhom, kif kien soltu jagħmel, bil-barka tiegħu. Is-saċerdoti baqgħu jistennew lil Żakkarija biex miegħu jitolbu u jagħtu glorja lill-Aktar Għoli. Imma, billi l-ħin kien għamel sewwa, kulħadd qabdu biża'. Wieħed minnhom għamel kuraġġ, daħal ġewwa u ħdejn l-altar ra d-demm magħqud u sema' leħen jgħid: 'Żakkarija ġie maqtul! Id-demm tiegħu mhux se jitħassar sa ma l-vendetta tilħaq lil min qatlu.' Malli sema' dan il-kliem beda jibża', u ħareġ barra biex javża b'kollox lis-saċerdoti. Dawn għamlu kuraġġ, daħlu u raw dak li kien ġara: sat-travi tat-tempju bdew jibku, u huma ċarrtu ħwejjiġhom minn fuq sa isfel. Ma sabux lil ġismu, imma sabu lil demmu li kien magħqud. Mimlijin bil-biża', ħarġu biex iħabbru lill-poplu li Żakkarija kien ġie maqtul. It-tribujiet kollha tal-poplu saru jafu b'din il-ġrajja, u bkew u għamlu luttu fuqu għal tlitt ijiem u tlitt iljieli. Wara t-tlitt ijiem, is-saċerdoti ddiskutew flimkien lil min se jqiegħdu f'postu, u x-xorti waqgħet fuq Xmun. Fil-fatt dan kien ġie avżat mill-Ispirtu s-Santu li ma kellux jara l-mewt qabel ma jara lil Kristu fil-ġisem tiegħu."

## Ir-rabta tal-għerien-knejjes ta' Ain Karem mal-fatt rakkontat fil-Protovanġelu ta' Ġakbu

Bħalma jiġri ta' spiss fil-kitbiet apokrifi, fatti storiċi li nsibuhom fl-Iskrittura jiġu żviluppati fi stejjer oħrajn marbutin magħhom, li twieldu fis-sensibilità tal-ewwel komunitajiet Lhud-Kristjani tal-Palestina. F'dan ir-rakkont tal-Protovanġelu ta' Ġakbu għandna elementi oriġinali ta' din il-kitba apokrifa li jitħalltu mal-Vanġeli tat-tfulija ta' Ġesù u ma' fatti oħrajn bibliċi.

Ir-riferiment għall-ġrajja tal-Maġi li jitilqu lura lejn pajjiżhom minn triq oħra biex jevitaw li jiltaqgħu ma' Erodi nafuha diġà minn San Mattew 2,12. Kienet din il-ħarba tal-Maġi li wasslet lil Erodi biex jiddeċiedi li joqtol it-tfal subien kollha ta' Betleħem u tal-inħawi ta' madwarha li kellhom minn sentejn 'l isfel. Hu hawnhekk li niltaqgħu mat-tradizzjoni apokrifa marbuta mal-għerien-knejjes ta' Ain Karem.

Għidna kif Ain Karem tidħol fir-raġġ ta' distanza possibbli minn Betleħem biex tikkwalifikaha bħala wieħed mill-irħula "fl-inħawi" ta' Betleħem. Ir-rakkont apokrifu juri kif Eliżabetta ħarbet biċ-ċkejken Ġwanni mir-raħal tagħha "lejn il-muntanji." Din hi espressjoni li tirreferi tajjeb għar-reġjun tal-"għoljiet tal-Lhudija" li minnhom jitkellem San Luqa. L-istorja ta' Eliżabetta li titlob l-għajnuna ta' Alla biex tkun tista' tinħeba bit-tifel mill-qilla ta' Erodi tintrabat mal-fatt li l-muntanja fetħet post kenni li fih Eliżabetta setgħet tinħeba. Post kenni li ċertament jirreferi għal għar, li bihom il-Lhudija hi mimlija fil-ħafna għoljiet tagħha. Huma tnejn l-għerien li rajna li ntrabtu ma' din il-ġrajja u li saru għerien-knejjes tar-rifuġju ta' Eliżabetta u Ġwanni l-Battista. L-għar-knisja li llum hu l-kripta tal-knisja tal-Viżitazzjoni fuq Ain Karem hu ċertament l-aktar wieħed dokumentat u x'aktarx l-aktar wieħed loġiku, billi jinsab biss ftit passi barra mir-raħal ta' Ain Karem imma moħbi biżżejjed fil-bosk tal-għolja biex jitqies bħala post ta' rifuġju. Ta' min jgħid, iżda, li t-tradizzjoni li torbot ma' din il-kripta l-fatt ta' Eliżabetta li taħrab ma' Ġwanni x'aktarx li saret aktar popolari meta bdiet tintesa t-tifkira tal-post l-ieħor, jiġifieri Ain al-Habis, jew San Ġwann


*Kripta tal-Viżitazzjoni, Ain Karem*

fid-Deżert, li jinsab fuq l-istess xaqliba tal-għoljiet imma aktar bogħod, xi 3 kilometri barra Ain Karem, proprju fuq in-Nahal (jew Wadi) Sorek. Dan il-post ukoll iħares għar ċkejken li, mix-xeħta kien post ta' kult sa minn żmien il-Biżantini. Il-preżenza tan-nixxiegħa u l-isem tagħha (Għajn ir-raħeb) huma prova li dan il-post kienu jgħixu fih l-irħieb u li l-għar kien meqjus bħala l-post li fih inħbiet Eliżabetta. Meta dan l-għar-knisja sar aktar diffiċli li wieħed iżuru minħabba d-distanza tiegħu minn ċentri abitati, kienet naturali li t-tradizzjoni ta' Eliżabetta li tinħeba tiġi kkonċentrata fl-għar-kripta tal-knisja tal-Viżitazzjoni. L-istess blata li tiġi venerata fil-kripta, li turi l-fetħa naturali li fiha nħbiet Eliżabetta, jista' jkun li, b'xi mod, tikkorrispondi għall-fetħa simili li hemm fl-għar-knisja ta' San Ġwann fid-Deżert.

Id-differenza bejn iż-żewġ postijiet tikkonsisti fil-fatt li, filwaqt li fil-każ tal-knisja tal-Viżitazzjoni, il-ġrajja mfakkra mill-Protovanġelu ta' Ġakbu tieqaf mal-mument li fih Eliżabetta sabet kenn ma' Ġwanni, fil-każ ta' San Ġwann fid-Deżert it-tradizzjoni tkompli bis-soġġorn ta' Eliżabetta u Ġwanni flimkien għal bosta snin, almenu sal-mewt ta' Eliżabetta. L-indikazzjoni tal-"qabar" ta' Eliżabetta fil-kappella tat-torri-binja Kruċjata ftit distanza fuq l-għar, ikompli jsostni din it-tradizzjoni, u l-fatt li Ġwanni qagħad f'dan il-post biex ħejja ruħu għall-ministeru profetiku tiegħu.

Il-kumplament tal-istorja apokrifa jikkonċerna lil Żakkarija u l-"martirju" tiegħu. Hu jikkonferma dak li għidna fuq Eliżabetta li tibqa' tgħix ma' binha Ġwanni u li tidher allura li kienet armla, imma fl-istess ħin hu fatt li hu għal kollox apokrifu għax mibni fuq immaġinazzjoni spiritwali li ssib l-għeruq tagħha fl-Iskrittura. Nafu li l-isem

Żakkarija fil-Bibbja jirreferi għal diversi pesunaġġi, li xi kultant ġew imħalltin wieħed mal-ieħor.

Mattew 13,33-35 iqiegħed dawn il-kelmiet fuq fomm Ġesù: "Ja sriep u nisel il-lifgħat, kif se taħarbu mill-kundanna tal-infern? Jien għalhekk nibgħatilkom profeti u għorrief u kittieba, li xi wħud minnhom toqtluhom u ssallbuhom, u oħrajn issawtuhom fis-sinagogi tagħkom u tippersegwitawhom minn belt għal oħra, ħalli b'hekk taqa' fuqkom il-ħtija tad-demm tal-ġusti kollha li xtered fuq l-art, ibda minn demm Abel il-ġust sa demm Żakkarija bin Barakija, li intom qtiltuh bejn is-Santwarju u l-altar."

Ġesù hawnhekk jirreferi għall-qtil tas-saċerdot Żakkarija bin Ġeħojada fit-2 Ktieb tal-Kronaki 24,20-22: "Mbagħad l-ispirtu ta' Alla mela ruħ Żakkarija, bin il-qassis Ġeħojada, u qam f'nofs il-poplu u kellimhom hekk: 'Dan jgħid Alla: Għala qegħdin tiksru l-kmandamenti tal-Mulej? Għalhekk ma tistgħux issibu riżq. Intom tlaqtu lill-Mulej, u hu telaq lilkom.' Iżda huma ftiehmu bejniethom, u bl-ordni tas-sultan ħaġġruh fil-bitħa tat-tempju tal-Mulej. Is-sultan Ġowas nesa l-ġid li Ġeħojada, missier Żakkarija, kien għamel miegħu, qatillu lil ibnu li, hu u jmut, qal: 'Ħa jara l-Mulej, u jitlob il-kont hu.'"

Din il-figura tas-saċerdot Żakkarija bin Ġeħojada ġiet imħallta ma' dik tal-Profeta Żakkarija bin Barakija, wieħed mill-profeti kittieba tat-Testment il-Qadim. U fil-każ tal-Protovanġelu ta' San Ġakbu għandna r-rakkont tal-martirju tas-saċerdot Żakkarija, missier Ġwanni l-Battista, li jiġi rakkontat fuq il-mudell tal-martirju tas-saċerdot Żakkarija bin Ġeħojada, u mqiegħed ukoll fil-kuntest tad-deskrizzjoni li Luqa 1,5-10 jagħti dwar Żakkarija, missier Ġwanni:" Fi żmien Erodi, sultan tal-Lhudija, kien hemm qassis jismu Żakkarija, mit-taqsima ta› Abija; martu, li kien jisimha Eliżabetta, kienet minn ulied Aron. It-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skont il-preċetti u l-kmandamenti kollha tal-Mulej. Ulied ma kellhomx, għax Eliżabetta ma setax ikollha, u t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien. Mela ġara li Żakkarija kien qiegħed jaqdi dmiru ta' qassis quddiem Alla, għax kien imissha t-taqsima tiegħu, u, skont id-drawwa tal-liturġija, ntgħażel hu bix-xorti biex jidħol ġewwa fis-santwarju tal-Mulej ħalli jaħraq l-inċens. Waqt ir-rit tal-inċens, il-kotra kollha tal-poplu kienet qiegħda titlob barra." L-istorja tkompli bid-dehra tal-Arkanġlu Gabrijel li jħabbar lil Żakkarija t-twelid ta' Ġwanni l-Battista, bir-riżultat li Żakkarija jdum fit-tempju u n-nies jistennewh għal ħin twil sakemm ħareġ u ma setax ikellimhom.

Fuq kollox naraw kif il-Protovanġelu ta' Ġakbu jsegwi r-rakkont tal-Vanġelu tat-tfulija ta' Ġesù fil-verżjoni ta' San Luqa, għax bħala suċċessur ta' Żakkarija, maqtul minn Erodi, l-awtur idaħħal lil Xmun li jidher fl-episodju tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju.

Forsi meta wieħed jaqra dan ir-rakkont apokrifu jasal għall-konklużjoni li hu immaġinarju u li għalhekk anke t-tifkiriet qaddisa marbutin mat-tfulija ta' Ġwanni l-Battista fl-għerien-knejjes ta' Ain Karem ġew ivvintati mid-devozzjoni popolari. Imma dan kollu hu pjuttost prova tal-verità tal-fatti, għax il-kitbiet apokrifi twieldu fi ħdan il-komunità Lhudija-Kristjana ta' Ġerusalemm li kienet bniethom fuq ir-rakkonti veri tal-Vanġeli u tal-Iskrittura u indikat b'mod ċar id-diversi postijiet li setgħu kienu x-xhieda fiżiċi ta' dawn il-ġrajja.

Fil-każ tas-santwarji li hemm f'Ain Karem rajna li t-tradizzjoni hi antika sew, u ċertament tmur lura għall-ewwel sekli tal-era Kristjana. Ix-xhieda dokumentata li semmejna flimkien max-xhieda arkeoloġika ta' dawn l-għerien-knejjes hi l-bażi li fuqha nbniet it-tradizzjoni li rabtet lir-raħal pittoresk ta' Ain Karem mal-figura ta' San Ġwann Battista u

tal-ġenituri tiegħu Żakkarija u Eliżabetta. Il-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa li għal sekli sħaħ ilhom iħarsu dawn it-tifkiriet qaddisa jixhdu għal dan il-kult antikissimu li, fil-Palestina dejjem beda minn postijet qaddisa mħaffrin fil-blat, f'għerien u knejjes trogloditiċi li huma parti sħiħa mill-kultura paleokristjana tal-baċin tal-Mediterran, li tagħha aħna wkoll nagħmlu parti.

## Riferenzi

Dennis Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume 1 A-K (excluding Acre and Jerusalem), Cambridge University Press 2008, pp. 24-26; 30-47; Heinrich Fürst - Gregor Geiger, *Terra Santa. La Guida della Custodia di Terra Santa*, Edizioni Terra Santa, Milano 2017, pp. 523-528; 530-532.



# ĠRAJJIET SAN PIETRU U SAN PAWL FIR-RAKKONT TAL-ATTI TAL-APPOSTLI

*"Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art"*
*(Atti tal-Appostli 1:8).*

***Fr Charles Buttigieg***

## San Luqa dixxiplu ta' San Pietru u San Pawl

L-awtur tal-Atti tal-Appostli huwa San Luqa, l-awtur tat-tielet evanġelju. Din l-opra turi li l-awtur kien preżenti f'xi mumenti tal-ġrajjiet u għalhekk l-awtur jilbes il-libsa ta' ġurnalista mmexxi mill-Ispirtu s-Santu. Bħall-evanġelju, huwa kiteb bi grieg tajjeb ħafna jgħidulu, tal-'Koine'. Dan Luqa, jidher f'din l-opra bħala dixxiplu ta' San Pawl u anke ta' San Pietru. Din l-opra bħall-evanġelju, hija ddedikata lil wieħed ħabib kbir tiegħu aktarx ta' klassi għolja jismu Teofilu (li jfisser: 'dak li jħobb lil Alla'). Għalhekk l-Atti tal-Appostli huwa ndirizzat lill-insara kollha li jħobbu lil Alla.



## L-Opra tal-Atti tal-Appostli

L-ewwelnett l-iskop tal-ktieb huwa li ssaħħaħ il-fidi tal-insara fl-ewwel żminijiet li kienu għaddejin minn persekuzzjonijiet kbar fl-Imperu Ruman u sabiex l-evanġelju jasal mad-dinja kollha u b'hekk ikompli l-opra tal-evanġelju ta' San Luqa. Mill-ewwel kapitlu sa kap 6:7 naraw il-Knisja ta' Ġerusalemm fejn kienet tiltaqa' il-komunità fejn għandna, it-Tlugħ tal-Mulej fis-sema quddiem l-appostli (1:9), l-għażla ta' Mattija (1:12-26), l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli (kap 2) u l-predikazzjoni u l-ewwel mirakli ta' San Pietru (3:1-26). Minn kap 6 vers 8 sa kap 9:31 naraw il-Knisja fil-Ġudeja, il-martirju ta' San Stiefnu li huwa l-ewwel martri fejn kien hemm preżenti Sawl bħala Fariżew (6:8-7:60) u l-predikazzjoni fis-Samarija, Filippu l-uffiċċjal Etjopiku u Apollo li kien minn Lixandra fl-Eġittu. Minn kap 9 sa kap 12:24 naraw is-sejħa u l-konverżjoni ta' San Pawl fit-triq ta' Damasku (9:1-31), il-magħmudija tiegħu minn Ananija, il-Knisja ta' Antijokja fis-Sirja fejn id-dixxipli li bdew jissejħu 'kristjani' u l-konverżjoni tal-pagan Kornelju minn San Pietru (10:1-48). Minn kap 12:25 sa kap 16:5 tibda l-parti marbuta ma' San Pawl fejn naraw il-Knisja tinfirex f'Ċipru u fl-Asja Minuri permezz ta' San Pawl fl-ewwel vjaġġ tiegħu missjunarju u l-Konċilju ta' Ġerusalemm (15:1-35). Minn kap 16:6 sa kap 19:20 naraw il-ħidma ta' San Pawl fl-Ewropa, fil-Maċedonja u fil-Greċja. Minn kap 19:21 sa kap 28:31 naraw lil San Pawl jitlaq minn Efesu imur fil-Maċedonja mbagħad fi Troas u Miletu u lura il-Palestina (Kap 21) fejn jiġi akkużat u arrestat, u huwa jappella sabiex imur Ruma għand Ċesari liema vjagg iġibu fuq gżiritna (kap 27 u 28).

## San Pietru fl-Atti tal-Appostli

M'hemmx dubju li San Pietru jidher bħala Kap tal-Appostli u l-ewwel Papa. Dan narawh sa mill-bidu tal-ktieb, fejn San Luqa dejjem ipoġġi lil San Pietru bħala mexxej tat-Tnax u protagonist tal-Knisja tal-bidu fejn narawh bħal Ġesù jgħallem, jippriedka u jwettaq diversi mirakli. Kien hemm preżenti fil-Knisja li kienet qed titwieled mat-Tlugħ tal-Mulej fis-sema u tistenna b'ħeġġa kbira l-Inżul tal-Ispirtu s-Santu nhar l-Għid il-Ħamsin (ara Atti 1:14-16).

Ikun San Pietru li jinseġ l-ewwel katekeżi u omelija nhar Jum l-Għid il-Ħamsin: "Imma Pietru, flimkien mal-Ħdax, qam u qal lil-Lhud b'leħen għoli: «Nies tal-Lhudija, u intom ilkoll li toqogħdu f'Ġerusalemm, kunu afu dan u isimgħu sewwa x'se ngħidilkom jien. Le, dawn m'humiex fis-sakra, kif qegħdin taħsbu intom; għax għadhom id-disgħa ta' filgħodu. Imma dan mhux ħlief dak li ntqal permezz tal-profeta Ġoel : ‹U jiġri fl-aħħar jiem, jgħid Alla, li jiena msawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem; u jħabbru uliedkom, subien u bniet, u ż-żgħażagħ tagħkom jaraw dehriet, u x-xjuħ tagħkom joħolmu ħolmiet; u wkoll





fuq il-qaddejja tiegħi, rġiel u nisa, insawwab f'dawk il-jiem mill-Ispirtu tiegħi u jħabbru" (Atti 2:14-18). Fuq kollox ikun huwa li jxandar l-aħbar it-tajba jiġifieri l-evanġelju tal-qawmien ta' Ġesu' mill-mewt (ara Atti 2.22-25).

Naraw lil San Pietru jwettaq l-ewwel magħmudijiet tal-Knisja kif inkomplu naqraw fit-tieni kapitlu. Fil-kapitlu tlieta naraw lil San Pietru jfejjaq lill-magħtub ħdejn il-bieb tat-tempju fejn imbagħad wara huwa jagħmel diskors importanti ħdejn il-Portiku ta' Salamun: «Fidda u deheb ma għandix; imma dak li għandi se nagħtihulek: fl-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nażaret, imxi!» (3:7). Fil-kapitlu erbgħa naraw l-ewwel persekuzzjoni fuq San Pietru mil-Lhud fejn tressaq ukoll quddiem is-Sinedriju. Fil-kapitlu ħamsa naraw l-episodju li kellu l-appostlu ma' Ananija u Safira li mietu għaliex għamlu dak li mhux sewwa, il-mirakli li bdew iwettqu l-appostli u lil Pietru narawh jiddenfendi l-verità quddiem il-persekuturi. Fil-kapitlu



## San Pawl fl-Atti tal-Appostli

Huwa proprju fl-Atti tal-Appostli ta' San Luqa l-Evanġelista, li kien infatti wkoll s-sieħeb ta' Pawlu fil-ħidma missjunarja, li nsibu narrazzjoni ordnata tal-ħidma missjunarja ta' Pawlu sabiex il-vanġelu jixxandar ma' kullimkien fin-nisġa tal-istorja tas-salvazzjoni 'historia salutis' u għalhekk ukoll 'ġeografija tas-salvazzjoni'. Fl-Atti huma msemmija 102 postijiet differenti li żar San Pawl. Sawlu minn Tarsu narawh fil-bidu fil-persekuzzjoni kontra l-ewwel insara mil-Lhud: "Biż-żelu li kelli, ippersegwitajt il-Knisja" (ara Atti Kap 8). Huwa assista għas-sena 35 W.K. għall-martirju ta' San Stiefnu meta kien għadu żagħżugħ (ara Atti 7:58). Sawlu kien bniedem intelligenti, mimli ħeġġa u b'ħafna kwalitajiet, imma fil-fond ta' qalbu kien għadu ma skopriex il-verità sħiħa ta' Kristu bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Kien proprju f'din il-fehma ta' persekuzzjoni li ltaqa' ma' Ġesù fit-Triq ta' Damasku: "Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema. Waqa' fl-art u sema' leħen igħidlu: 'Sawl, Sawl! Għaliex qiegħed tippersegwitani?' Hu wieġeb: 'Min int Mulej?' u l-leħen wieġbu: 'Jiena Ġesu', li int qiegħed tippersegwitah." (Atti 9:3-5; ara ukoll Atti 9:1-

sitta narawh isejjaħ lill-gemgħa sabiex jagħżlu l-ewwel djakni fosthom lil San Stiefnu. Fil-kapitlu tmienja San Pietru jmur biex jippriedka fis-Samarija. Fil-kapitlu 9:32-35, Pietru jfejjaq lil Eneja ġewwa Lidda. Imbagħad wara jiġi l-episodju tal-qawmien mill-mewt ta' Tabita minn San Pietru ġewwa Ġaffa. Fil-kapitlu għaxra naraw lil San Pietru wara li kellu dehra, jikkonverti lill-pagan iċ-ċenturjun Kornelju u l-familja tiegħu ġewwa Ċesarija Marittima. Fil-kapitlu ħdax naraw lil San Pietru jispjega lilu nnifsu talli l-pagani kienu laqgħu ukoll l-Aħbar it-Tajba. Fil-kapitlu tnax naraw l-arrest ta' Pietru u wara l-ħelsien mill-ħabs. Imbagħad fil-kapitlu ħmistax naraw lil San Pietru kap tal-appostli jkun preżenti għall-Ewwel Konċilju tal-Knisja li sar ġewwa Ġerusalemm.

20; 22:1-21; 26:2-23). Din il-laqgħa ma' Kristu, tibdel b'mod radikali l-ħajja ta' Pawlu.

Wara l-konverżjoni u s-sejħa tiegħu, Pawlu jsir ħolqien ġdid fi Kristu, tgħammed minn Ananija wara tlett ijiem 'midfun fid-dlam', u mar jagħmel żmien irtirat fid-deżert fl-Arabja fejn kellu bosta rivelazzjonijiet u sabiex jirrifletti, kif jgħidilna San Ġirolmu (ara Atti 2:11). Lura f'Damasku kellu jaħrab fejn riedu joqtluh u mar Ġerusalemm għal ħmistax-il ġurnata fejn iltaqa' ma' Pietru u biex ikollu l-ewwel kuntatt mal-Knisja ta' Kristu. Iżda ma damx Ġerusalemm għax kellu jaħrab ukoll u għalhekk mar Tarsu. Hawnhekk San Pawl jagħmel diversi snin ta' silenzju, żmien twil ta' purifikazzjoni u meditazzjoni, jipprepara għall-ministeru tiegħu ta' evanġelizzazzjoni.

L-ewwel vjaġġ missjunarju ta' San Pawl bejn is-snin 45 u 49 W.K., kien minn Antijokja fis-Sirja għal Ċipru, fejn beda jissejjaħ Pawlu, (ara Atti 13:9) u fin-nofs in-nhar tal-Anatolja fl-Asja Minuri. Kien l-ewwel ma' Barnaba u Marku, imbagħad kompla għal rasu fil-vjaġġi l-oħra (ara Atti 11:27-30). Fil-Konċilju ta' Ġerusalemm, saħaq li l-pagani kellhom jedd li jidħlu fir-reliġjon ta' Kristu mingħajr ma jkunu miżmuma għall-osservanza tal-liġi, għaliex is-salvazzjoni tiġi minn Kristu biss (ara Atti 15:2). Fit-tieni vjaġġ missjunarju bejn is-snin 50 u 52, huwa kien akkompanjat minn Silas lejn l-Anatolja, fejn f'Listris għammed lil Timotju u wara mar lejn l-Ewropa, proprju fil-Maċedonja fl-ibliet ta' Filippi, Tessalonika, Bereja u fl-Akaja fl-ibliet ta' Ateni u Korintu fejn kien hemm Akwila u Prixxilla. F'dan il-vjaġġ jissieħeb miegħu San Luqa l-awtur tal-Atti, probabbilment fi Troas (ara Atti 16:8-10). Fit-tielet vjaġġ missjunarju bejn is-snin 53 u 58, huwa reġa' żar il-komunitajiet li huwa waqqaf kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Asja Minuri b'mod partikulari f'Efesu fejn dam madwar tliet snin. Fost kollaboraturi oħra ta' San Pawl insibu lil Apollu, Epafra, Epfroditu, Tikiku, Urbanu, Gaju, Aristarku, Febi, Trifena, Trofosa, u Persi. L-Atti 23:16:22, isemmi l-qraba ta' San Pawl li kienu sebgħa: Androkinu, Ġunja, Ġason, Sosipater, Luċju, oħtu u n-neputi. F'Ġerusalemm kien joqgħod għand oħtu (ara Atti 23:16).

Lura fil-Palestina huwa kien arrestat u miżmum għal sentejn fil-Foritizza Antonja, bejn snin 58 u 60. Ir-raba' vjaġġ kien bħala prigunier sabiex jappella għand Ċesari, imma jibqa' dejjem wieħed missjunarju għaliex wara maltempa u skont il-Providenza ta' Alla hu kien 'jeħtieġ' jgħaddi Malta fejn dam tliet xhur (ara Atti 27 u 28). F'Ruma dam sentejn il-ħabs fiċ-ċella ta' Tulljanu f'Mamertinum, sakemm gie meħlus għas-sena 62, fejn wara kellu l-possibiltà li jerġa' jżur xi komunitajiet li huwa kien waqqaf qabel, fosthom Efesu u Kreta.

Dawn huma fost il-ġrajjiet l-iktar importanti ta' San Pietru u San Pawl il-patruni tagħna, li nsibu fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli li jpoġġihom bħala l-ewwel protagonisti tal-Knisja u ż-żewġ kolonni tal-Knisja, fejn fil-belt ta' Ruma huma jinkurunaw l-missjoni tagħhom bil-martirju.



# IX-XBIHA TAL-ĦŻIEM (ĠER 13, 1-11) (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

F'dan il-kapitlu toħroġ fid-deher ordni ieħor qawwi ta' Alla lil Ġeremija, ordni marbut sħiħ ma' sinjal simbolu. Hawn ukoll Alla waħdu amar lill-profeta x'għandu jagħmel imma wkoll fissirlu l-azzjoni li Ġeremija kellu jwettaq u jpoġġi fil-prattika: "Mur u ixtri ħżiem tal-għażel għal qaddek u dawru ma' ġenbek bla ma xxarrbu bl-ilma" (Ġer 13, 2-3).

## Ordni biex jixtri ħżiem

It-test ikompli jidħol fid-dettal ta' dak kollu li għamel Ġeremija mingħajr ebda oġġezzjoni għal-missjoni li ġie mitlub biex jagħmel! Biss ingħata raġuni adegwata għal dak kollu li Ġeremija ġie imġiegħel biex jagħmel. Tant li l-profeta obda mingħajr ma fehem sew it-tifsir sħiħ tas-simbolu tal-ħżiem!

Iżda mil-vers 8 sa 10 toħroġ bil-qawwa kollha t-tifsira tal-oġġet prinċipali, mela l-ħżiem. Dan il-ħżiem huwa simbolu tal-Ġudea u Ġerusalemm. Huwa l-poplu ta' Alla, il-belt il-qaddisa. Iżda n-nies insew għal kollox dak kollu li Alla għamel magħhom, taw qima lill-idoli u nsew il-benefiċċji kollha li Alla għamel magħhom matul il-mixja tas-snin; ibda mid-deżert, sakemm daħlu fl-art tnixxi ħalib u għasel.

Fil-prattika mela liema kienu d-dnubiet tal-poplu biex wassal fuqu kastig daqshekk



aħrax, fosthom l-eżilju ta' Babilonja. Hemm il-ksur formali tal-patt li sar f'riġlejn il-muntanja Sinaj (Es 24), l-għebusija ta' qalbhom, ma ridux jafdaw aktar f'Alla, u ddisprezzaw b'mod l-aktar miftuħ it-tempju tant qaddis għalihom. Fejn hawn ġew twettqu atti tassew diżumani, speċjalment fil-qtil tat-trabi innoċenti, biex joffruhom b'sagrifiċċju 'l Alla. Dan jissejjaħ sagrifiċċju Molok.

Dan kollu issa jissaħħaħ b'dak li hemm fil-vers 11: "Għax bħalma bniedem jorbot il-ħżiem ma' ġenbejh, hekk jien irbatt miegħi d-dar kollha ta' Israel, u d-dar kollha ta' Ġuda, jgħid il-Mulej,biex tkun għalija poplu, isem foħrija, sebħ; imma ma semgħux" (Ġer 13,11). Ġeremija ta' bniedem prattiku li kien u li kellu kuntatt qawwi man-nies, intebaħ li kemm-il darba jwassal il-messaġġ tiegħu permezz ta' xi simbolu, allura n-nies aktar jaslu biex jifhmuh! U fil-fatt hekk hu tassew! U kien proprju għalhekk li hu kellu jbati ħafna min-nies kompajżani tiegħu; għax huma fehmu sew l-messaġġ tiegħu.

## Il-post fejn

Osservazzjoni li żgur tolqot lil min jaqra b'ċerta kritika dan ir-rakkont huwa l-fatt li Alla bagħat lil Ġeremija biex jaħbi l-ħżiem ħdejn ix-xmara Ewfrat: Mela fil-Mesopotamja. Issa dan huwa

qatt possibbli jew le? Għal żminijietna huwa possibbli tassew għaliex hawn mezzi biex wieħed imur. Imma għal dawk iż-żminijiet id-diskors ikun mod ieħor! Biss hawn ta' min jiftakar li isem ix-xmara Ewfrat kien ifisser il-medda kbira ta' art li tifforma limiti tal-Art Imqaddsa! "Lil nislek nagħti l-art, mix-xmara ta' l-Eġittu sax-xmara l-kbira, ix-xmara ta' l-Ewfrat," (Ġen 15,18; ara wkoll Dt 1,6-8; Ġos 1,35).

Għalhekk l-eżeġeti jżommu li l-kelma Lhudija *peràt* hawn mhix tirreferi għax-xmara Ewfrat u dan għaliex hija 'l bogħod sew mill-belt ta' Ġerusalemm. Barra dan Ġeremija ma kellux mezzi ta' transport adegwati biex jasal sa ħdejn din ix-xmara u naturalment jerġa' lura!

Għalhekk dawn l-eżeġeti jissuġġerixxu li din l-azzjoni tal-profeta saret f'Wadi Faraħ, li qiegħed madwar sitt kilometri bogħod lejn it-Tramuntana ta' Anatot. Dan ir-raħal jiġi fil-Grigal ta' Ġerusalemm. F'dan il-każ id-dehra u l-ordni lil Ġeremija saru qabel il-bidu tal-eżilju lejn il-Babilonja.

## Poplu ppreferut, imma.

Il-ġrajja tal-ħżiem imqiegħed fi xquq il-blat jispiċċa bi kliem fejn toħroġ karba jekk mhux ukoll rabja qaddisa! U sabiex il-messaġġ tal-profeta jasal, Ġeremija jerġa' iqabbeż it-tixbiha tal-ħżiem: "Għax bħalma bniedem jorbot il-ħżiem ma' ġenbejh, hekk jien irbatt miegħi d-dar kollha ta' Israel, u d-dar kollha ta' Ġuda, jgħid il-Mulej, biex tkun għalija poplu, isem, foħrija, sebħ" (Ġer 1,11).

L-ewwel kelma hija "isem". Dan se jkun poplu partikulari għal Alla għaliex qed iġorr isem! Mela sejjer ikun poplu magħruf poplu li jġorr il-glorja. Grazzi għal dan kollu Alla se jiġi mfaħħar u gglorifikat. Għalhekk imbagħad fis-salm insibu: "inti s-sebħ tiegħi".

It-tieni hija l-"foħrija". Fil-ktieb tar-reġina Ester hemm miktub li s-sultan Assweru għamel wirja tal-għana li kellu. "Urihom il-ġid u l-kobor ta' saltnatu, il-lussu, u l-foħrija tal-maestà tiegħu" (Est 1,7). Hekk ukoll Alla, juri li jilqa', jaċċetta u juri l-foħrija tal-poplu tiegħu. Alla għalhekk iħossu ferħan u kuntent bil-ferħ tagħna, bil-ħbiberija sana ta'





bejnietna, bil-ferħ tagħna. Aħna l-glorja tiegħu; dan deher ħafna fit-Testment il-Qadim

Mela quddiem din l-istennija kollha ta' Alla mill-poplu magħżul tiegħu, toħroġ waħedha d-delużjoni u l-imrar tal-aħħar espressjoni li qal il-Mulej: "Imma ma semgħux" (Ġer 13,11). Din hija karba li ġġorr magħha piż kbir tassew.

Dan il-ħżiem mherri u li issa ma jiswa għal xejn huwa simbolu tal-patt li sar bejn Alla u l-poplu iżda dan ġie miksur u mċarrat. U għalhekk Alla juri d-dispjaċir kollu tiegħu għall-mod ta' kif il-poplu ġab ruħu miegħu. Dan Alla mhux xi padrun li kontinwament jara u jgħarrex jekk il-qaddej wettaqx l-ordni jew le. Iżda Alla huwa ħabib sinċier, li jittratta magħna bħala ħbieb tal-qalb tiegħu. Huwa wkoll għarus li tant investa lejn u ma l-għarusa tiegħu, biex jagħmilha aktar ferħana, sabiħa u mimlija hena. Issa dan Alla qed jara li kollox inqaleb waħda sew! Kif fil-fatt hekk verament ġara.

Interessanti li wieħed jinnota kif din it-tixbiha tal-ħżiem – u li milli jidher kienet togħġob ħafna lill-profeta – terġa' tirritorna fil-kitba tiegħu. Għaliex aktar ma Ġeremija kien ikellem lin-nies ta' żmienu b'din il-kwalità ta' simboli mibnija fuq ir-realtà, il-poplu aktar jemmnu u jifhem il-messaġġ. "Forsi x-xbejba tinsa l-ġawhra tagħha? Jew l-għarusa l-faxxa (ħżiem) tagħha? Imma l-poplu tiegħi nsieni għal żmien bla qjies" (Ġer 2,32). F'dan il-kliem joħroġ fil-beraħ l-intimità tal-ħżiem ma' kull min jilbsu; b'tali mod u manjiera



li dawn it-tnejn isiru ħaġa waħda.

## Patt dejjiem u ġdid

Mela hawn stat ta' fatt! Beraħ kbir imbiegħed minn xulxin bejn Alla missier u l-poplu li għal bosta drabi warrab lil Alla! Id-diversi ġrajjiet tal-istorja tal-poplu hekk turi u tikkonferma! Ma' dan kollu Ġeremija jitkellem b'qawwa minn patt "ġdid". U dan għaliex Alla ma jaċċetta qatt li t-teżor tiegħu, l-poplu magħżul jintilef u jispiċċa. Għalhekk jerġa' jibda mill-ġdid dejjem imma mal-fdal. "Araw, għad jiġi żmien, orkaklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda;" (Ġer 31,31).

Issa hawn bil-fors li wieħed irid ifittex fejn u ma' min sar dan il-patt. Dan il-patt ġdid sar u twettaq minn u fil-persuna ta' Ġesù. "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom" (Lq 22,20). Ġesù għalhekk refa' fuqu l-konsegwenzi u l-effetti kollha tan-nuqqasijiet ta' fiduċja li l-poplu magħżul kien għamel. Hawn għalhekk tidher tassew mixja li sabet it-tifsira sħiħa tagħha fil-passjoni, mewt u qawmien ta' Ġesù. Hekk issib it-tifsira sħiħa tagħha il-ġrajja tal-ħżiem merħi fi xquq il-blat!

Huwa kollu għalhekk li t-telqa tal-ħarsien tal-liġi, flimkien man-nuqqas ta' fiduċja f'Alla, dehru tassew gravi quddiem Alla missier u providenza. Fil-ktieb tal-Eżodu tidher sew l-imħabba u l-kura li Alla sa mill-bidu wera mal-poplu li huwa għażel: "Jiena naħtarkom u neħodkom biex tkunu l-poplu tiegħi u jiena nkun Alla tagħkom, u tkunu tafu li jien Jaħweh, il-Mulej Alla tagħkom" (Eż 6,7).

Kliem ieħor aktar qawwi huwa dan: "Issa, jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi. Intom tkunu saltna ta' qassisin u ġens qaddis" (Eż 19,5).

Quddiem dan il-kliem mimli fiduċja ir-realtà marbuta mal-ħżiem ta' Ġeremija tieħu tifsira oħra. Hawn, iva, kastig imma dejjem wieħed mediċinali. Tbatija, iva, li twassal għal tisfija waħda u vera. U dan il-proċess ta' tisfija għandu dejjem jitlaq mill-qalb tal-individwu. Mela, iva, Ġeremija qed iniedi xi forma ta' tbatija li qiegħda fl-abbandun u forsi wkoll fid-deżolazzjoni imma dejjem b'ħarsa ta' bidla vera li titlaq mill-qalb.



# ĠWANNI L-BATTISTA PREKURSUR TAL-MULEJ(1)

*Marcello Ghirlando*

## “Ikun mimli bl-Ispirtu s-Santu sa minn ġuf ommu”

San Luqa hekk jirrakkonta t-tħabbira tat-twelid ta’ Ġwanni l-Battista f’1:5-25 - Fi żmien Erodi, sultan tal-Lhudija, kien hemm qassis jismu Żakkarija, mit-taqsima ta’ Abija; martu, li kien jisimha Eliżabetta, kienet minn ulied Aron. It-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta’ xejn skont il-preċetti u l-kmandamenti kollha tal-Mulej. Ulied ma kellhomx, għax Eliżabetta ma setax ikollha, u t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien.

Mela ġara li Żakkarija kien qiegħed jaqdi dmiru ta’ qassis quddiem Alla, għax kien imissha t-taqsima tiegħu, u, skont id-drawwa tal-liturġija, intgħażel hu bix-xorti biex jidħol ġewwa fis-santwarju tal-Mulej ħalli jaħraq l-inċens. Waqt ir-rit tal-inċens, il-kotra kollha tal-poplu kienet qiegħda titlob barra.

U deherlu anġlu tal-Mulej, wieqaf in-naħa tal-lemin tal-artal tal-inċens. Żakkarija, malli rah, tħawwad u waqa’ biża’ fuqu. Imma l-anġlu qallu: “Tibżax, Żakkarija, għax it-talba tiegħek instemgħet: martek Eliżabetta se tagħtik iben, u inti ssemmih Ġwanni. Din tkun għalik ħaġa li tqanqlek bil-ferħ u thennik ħafna, u jkun hemm bosta li jifirħu bit-twelid tat-tifel. Għax hu jkun kbir quddiem il-Mulej; ma jkun jixrob ebda inbid jew xorb qawwi, u jimtela bi spirtu qaddis sa minn ġuf ommu. Huwa jreġġa’ lil ħafna minn ulied Israel lejn il-Mulej Alla tagħhom, u hu ġej qabel il-Mulej, mimli bl-ispirtu u l-qawwa ta’ Elija, biex iraġġa’ l-qlub tal-missirijiet lejn uliedhom, u lil dawk li ma jridux jobdu jreġġagħhom għall-għaqal tal-ġusti, ħalli jlesti poplu mħejji sewwa għall-Mulej.” Imma Żakkarija qal lill-anġlu: “Kif inkun żgur minn dan? Għax jiena raġel xiħ, u marti mdaħħla fiż-żmien!” Wieġeb l-anġlu u qallu: “Jiena Gabriel, li qiegħed quddiem Alla. Hu bagħatni nkellmek u nwassallek din il-bxara t-tajba. U issa, talli int ma emmintx kliemi, li għad iseħħ meta jasal il-waqt, ara, int tibqa’ mbikkem u ma tkunx tista’ titkellem sa dak in-nhar li jiġri kulma ħabbartlek.”



Sadattant il-poplu kien qiegħed jistenna lil Żakkarija, u kulħadd stagħġeb bid-dewmien tiegħu fis-santwarju. Meta mbagħad ħareġ, ma setax ikellimhom, u ntebħu li kellu xi dehra fis-santwarju. Beda jfehemhom bis-sinjali, u baqa’ mbikkem. Wara li mbagħad għalaqlu ż-żmien

tas-servizz tiegħu, raġa' lura lejn id-dar.

Xi żmien wara, martu Eliżabetta nisslet fil-ġuf, u għal ħames xhur sħaħ fittxet li tinħeba min-nies, għax bdiet tgħid: "Hekk għamel miegħi l-Mulej, li għoġbu jneħħili minn fuqi l-għajb li kelli quddiem in-nies!"

Illum xtaqt illi t-tema tkun dak li l-Arkanġlu Gabriel qal lil Żakkarija fit-Tempju, għadna kif smajniha din il-Kelma sabiħa u qawwija fl-istess ħin: **"U jkun mimli bl-Ispirtu Qaddis sa minn ġuf ommu."**

Imma qabel ma nitkellmu ftit mill-Battista, ippermettuli ftit introduzzjoni żgħira fuq il-Vanġeli tat-Tfulija. Intom tafu li l-Erba' Evanġelisti meta kitbu l-Vanġelu tagħhom, l-interess prinċipali tagħhom kien illi jħabbru l-qofol tal-Bxara t-Tajba - il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Imma ovvjament, meta jgħaddi ż-żmien, id-diversi nsara bħalna, kienu xi ftit kurjużi u bdew jgħidu fejn trabba Ġesù, kif daħal fid-dinja? Għalhekk żewġ Evanġelisti: San Mattew u San Luqa, jagħtuna fl-Ewwel Żewġ Kapitli tagħhom dak li aħna nsejħulu l-Vanġelu tat-Tfulija ta' Ġesù. M'hemmx ħafna dettalji, la f'San Matttew u lanqas f'San Luqa. Imma biżżejjed biex wieħed jifhem xi ftit il-bidu bikri, it-tfulija ta' Sidna Ġesù Kristu. Probabbilment tafu illi San Mattew kien qrib il-familja ta' San Ġużepp u allura qisu bħal donnu jilbes in-nuċċali ta' San Ġużepp, mentri San Luqa, hemm tradizzjoni ħajja u qawwija ħafna fil-Knisja ... San Luqa kien qrib ħafna ta' Marija, li probabbilment, disgħa u disgħin fil-mija kienet hi li għaddietlu l-ftit ħjiel fuq it-tfulija ta' Ġesù u anke fuq it-tfulija tal-Battista, li mbagħad San Luqa, ta' storiku u Evanġelista għaqli li kien, għaġinhom proprju u tana l-ewwel żewġ kapitli tat-Tfulija fil-Vanġelu tiegħu.





Żewġ familji li nteressanti dejjem laqatni li l-familja ta' Ġużeppi u l-familja ta' Marija illi jittrasmettu dettalji fuq il-Bxara t-Tajba. Hemm ħaġa nteressanti, forsi ma tafuhiex... Hemm min jgħid, studjużi kbar, mhux Ċikku l-poplu jgħidu dan... li jista' jkun li ż-żewġ familji mhux dejjem kienu jinġiebu ħafna – il-familja ta' Ġużeppi u dik tal-Madonna!

Ma niskandalizzawx ruħna... Ġesù ġie f'dinja reali, f'dinja ta' veru, mhux hekk? Ma daħalx f'dinja perfetta... dik ma teżistix... dik il-Ġenna qegħda. Imma apparti dan kollu... San Luqa meta jagħħgen – inħobbha jien din il-kelma – l-Evanġelju tat-Tfulija, jibnih fuq żewġ binarji: Il-binarju ta' Ġwanni l-Battista u l-binarju ta' Ġesù.

Joħloq qisu konfront, jew kif isejħulu l-istudjużi tal-Bibbja 'parallel', bejn it-tħabbira u t-twelid ta' Ġwanni l-Battista u fl-istess ħin it-tħabbira u t-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. San Luqa kellu skop biex qisu bħal donnu joħloq paragun biex joħroġ il-ġmiel ta' żewġ persunaġġi, imma ovvjament anke biex juri s-superjorità ta' Ġesù l-Iben ta' Alla magħmul bniedem.

Meta wieħed jaqra l-Vanġeli tat-Tfulija ta' Ġesù, jinduna li hemm temi illi jmissu lil kull persuna, fejn naf jien, aħna llum se nitkellmu ftit fuq Ġwanni li kien mimli bl-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu Qaddis sa minn ġuf ommu. Interessanti meta naqraw il-Vanġelu tat-Tfulija ta' San Luqa, kif il-personaġġi kollha b'xi mod huma mdawlin mill-Ispirtu s-Santu.

Issa jekk inġibu quddiem għajnejna t-tħabbira lil Marija, per eżempju, il-Madonna taċċetta l-proposta ta' Alla minn fomm l-Arkanġlu Gabriel u nisslet bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Meta mbagħad tmur għand qaribitha Eliżabetta u tinfex f'din l-għanja ta' ferħ, San Luqa jgħid: "Imtliet bl-Ispirtu u b'ferħ kbir bdiet tgħid: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi." Anke l-istess Żakkarija u Eliżabetta wara li semmew lil Ġwanni b'insistenza ta' Żakkarija – "Ismu jkun Ġwanni," ftit aktar 'l isfel, San Luqa jgħid: "U Żakkarija mtela bl-Ispirtu s-Santu u beda jfaħħar lil Alla u jgħid: "Imbierek il-Mulej Alla ta' Israel" u Eliżabetta fil-Viżitazzjoni, imqanqla mill-Ispirtu, lill-Madonna tgħidilha: "U minn fejn ġieni dan li Omm Sidi tiġi għandi?!" Anke l-Vanġelu tal-Gandlora, tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju (huwa parti mill-Evanġelju tat-Tfulija), għandna lil Xmun illi kien imnebbaħ mill-Ispirtu. L-Ispirtu kien wiegħdu li ma kienx se jara l-mewt qabel ma jara lill-Messija tal-Mulej. U l-istess Anna, li bil-qawwa tal-Ispirtu, ixxandar il-Bxara t-Tajba tal-preżenza tal-Messija f'dik it-tarbija Ġesù. Tindunaw li San Luqa diġà fil-Vanġelu tat-Tfulija, jinsisti ħafna ħafna fuq il-preżenza u l-ħidma tal-Ispirtu Qaddis ta' Alla illi qanqal lill-personaġġi kollha li jissemmew proprju f'dan il-Vanġelu tat-Tfulija? Hemm elementi oħra li fih wieħed isib biss l-element tal-ferħ meta naqraw l-Evanġelju tat-Tfulija minn San Luqa u għalhekk nindunaw li kull ġrajja hija mqiegħda f'kuntest ta' ferħ, ferħ fit-tħabbira u wisq u wisq aktar fit-twelid ta' Ġesù!

It-tieni interessanti, għax aħna nafu li l-Ispirtu s-Santu mhux dwejjaq iġib u lanqas biża', u lanqas toqol, imma wieħed mis-sinjali sbieħ tal-preżenza tal-Ispirtu s-Santu fin-nisrani, hu propju l-hena tal-qalb u l-ferħ.

Ħa mmorru ftit f'dan il-kuntest...Irridkom tifhmu dak li kiteb San Luqa fuq San Ġwann il-Battista. Illum qrajna l-Vanġelu tat-tħabbira, u interessanti li proprju l-Vanġelu tat-Tfulija, wara introduzzjoni ċkejkna, jibda bit-tħabbira tat-twelid ta' Ġwanni l-Battista – dak illi skont Luqa kellu jkun il-Prekursur tal-Mulej, dak li kellu jħejji t-triq tal-Mulej. Din il-ġrajja sseħħ fit-Tempju ta' Ġerusalem. Intom forsi tafu kemm it-Tempju kien għall-qalb

il-Lhud, mhux biss ta' żmien Ġesù, imma matul is-sekli, almenu sas-Sena 70 WK, meta r-Rumani qerduh darba għal dejjem fl-ewwel rewwixta tal-Lhud kontra l-Imperu Ruman. Dak hu proprju t-tempju, f'azzjoni liturġika, jiġifieri f'azzjoni ta' qima lil Alla. Żakkarija kien imiss lilu, tellgħuh bix-xorti, kien mill-Klassi tal-Qassisin. Kien hemm 24 Klassi ta' Qassisin u Leviti illi kienu jitilgħu skont meta jmisshom biex jagħtu s-servizz fit-tempju. Meta mbagħad ma kienx imisshom is-servizz, kienu jmorru lura fi djarhom. Għalhekk Żakkarija seta' jmur lura Għajn Karem flimkien ma' martu Eliżabetta li kienet minn familja tas-Saċerdoti.

Propju xħin kien imiss lilu biex jagħmel ir-Rit tal-Inċensazzjoni kmieni filgħaxija fit-tempju ta' Ġerusalem, tasallu l-proposta ta' Alla, tasallu anzi l-Bxara t-Tajba, it-talba tiegħu u ta' martu, ix-xenqa għal ulied. San Luqa jikkummenta li minkejja li kienu nies ġusti u twajba u jobdu l-Kmandamenti u l-Preċetti kollha tal-Liġi ta' Mosè, sfortunatament ma setax ikollhom tfal. Hi ma setgħax ikollha tfal, u ż-żmien kien għadda, armajn it-tnejn anzjani. Xi kultant isaqsuni: "Imma xi kemm kellha żmien Eliżabetta?" Ħa ngħidilkom kemm kellha żmien bejn wieħed u ieħor, mhux biex noffendi 'l xi ħadd, kienet xwejħa anzjana. Issa skont kif kienu jgħoddu ż-żmien fi żmien Ġesù, probabbilment kienet fil-bidu tal-ħamsinijiet tagħha. Jiġifieri, hi kienet mhux biss sterili, ovvjament kienet anke anzjana, jiġifieri kien għadda ż-żmien tat-tama li forsi twelled tarbija. Imma hekk hu: Gabriel iħabbar it-twelid ta' Ġwanni l-Battista. Kellu jkun il-Prekursur tal-Mulej, kellu jimtela bl-Ispirtu Tiegħu, kellu jkun raġel qaddis, fil-fatt hemm dak id-dettal ċkejken, li ma jixrobx inbid jew xorb qawwi. Dak kien hemm grupp ta' rġiel li kienu jagħmlu l-wegħda tan-Nazzarej – hekk kienu jgħidulha – kienu jastjenu milli jixorbu l-alkoħol, l-inbid jew xi xorb qawwi b'sinjal mhux ta' penitenza, imma b'sinjal ta' qdusija... bħal Sansun fi żmienu. Fi kliem ieħor kellu jkun 'tifel speċjali.' Kellu jkollu missjoni kbira. Ix-xenqa



tal-poplu li jkollu l-Messija f'nofsu kienet ser isseħħ!

Gabriel, li ħabbar lil Żakkarija illi dan kellu jseħħ b'mod tal-għaġeb, il-għaliex hu u Eliżabetta kellu jkollhom dan it-tifel, proprju kontra kull tama, kontra kull speranza. Interessanti dan, juri li kollox kellu jiġri minn Alla, kien don ta' Alla. Alla dejjem jaħdem fejn qalb il-bniedem, l-affarijiet huma impossibbli u dan Alla jagħmlu mhux biss biex juri l-qawwa tiegħu, imma biex ifakkarna illi s-salvazzjoni ġejja minnU u mhux sforz il-merti tal-bnedmin. Żakkarija u Eliżabetta setgħu kienu nies twajba, nistgħu allura nirraġunaw... imma d-don ta' Ġwanni ma kienx mertu tagħhom, imma kellu jkun don ta' Alla, don ta' Alla l-Imbierek. U aħna smajna propju x'kellu jkun dan it-tifel: "Ikun kbir quddiem il-Mulej, jimtela bl-Ispirtu Qaddis sa minn ġuf ommu u jreġġa' lil ħafna mill-ulied t'Israel lejn il-Mulej Alla tagħhom u ġej qabel il-Mulej mimli bl-Ispirtu u l-qawwa t'Elija. Xogħlu kellu jkun fi kliem Gabriel, "li jlesti Poplu mħejji sewwa għall-Mulej!"




Sfortunatament, aħna nafu li Żakkarija jiddubita xi ftit, "Kif jista' jkun dan? Jien raġel xiħ u marti mdaħħla fiż-żmien!" Meta noħolqu paragun mat-tweġiba ta' Marija, l-istudjużi jgħidu li donnu f'Żakkarija hemm xamma ta' dubju kif fil-fatt l-Arkanġlu Gabriel jeħodlu l-kliem. Mentri fit-tweġiba ta' Marija: "Kif ikun dan jekk jien ma ngħarafx raġel?", mhux dubju hemm, imma għatx biex tifhem aktar kif dak li kellha taċċetta kellu fil-fatt isir. Żakkarija, sfortunatament, anke kien bniedem tat-tempju, anke bniedem li l-Iskrittura kien jafha u mhux l-ewwel darba fl-Iskrittura tal-Antik Testment, Alla jidħol b'mod straordinarju fil-ħajja ta' koppja li ma jistax ikollhom tfal. Insibu per eżempju lil Anna, illi titlob għad-don tal-ulied u Alla jagħtiha d-don ta' Samwel. Imma mhux biss... kemm stejjer fl-Iskrittura ta' koppji sterili li jidħol f'ħajjithom Alla b'mod straordinarju u hekk ikollhom il-grazzja tal-ulied. Jiġifieri Żakkarija kellu eżempju fl-Iskrittura u xorta ddubita, u nafu illi sakemm jitwieled il-Battista u sakemm jaslu biex jagħtuh l-isem fir-Rit taċ-Ċirkonċiżjoni, tmint ijiem wara t-twelid tiegħu,

baqa' mbikkem. Imbagħad, mela meta jara u jemmen fil-Kelma tal-Arkanġlu u jinsisti li t-tifel ikun jismu 'Ġwanni' – jiġifieri Alla se juri ħniena mal-Poplu Tiegħu – li kif diġà għidna, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, ferħ kbir beda jfur mill-qalb tiegħu u jibda jgħanni l-Innu tal-*Benedictus*: "Imbierek il-Mulej Alla ta' Israel għaliex ġie jżur lill-poplu tiegħu.... (ara Lq 1:68-79).

Ikun mimli bl-Ispirtu Qaddis sa minn ġuf ommu! Kemm hi sabiħa! U minn dan nafu li fil-Vanġelu tat-Tfulija ta' San Luqa, dan jidher ċar fir-rakkont tal-Viżitazzjoni.

Erġgħu ġibu quddiem għajnejkom il-laqgħa kollha ferħ bejn Marija u Elizabetta... Intom tafu li l-Arkanġlu Gabriel meta jħabbar it-tnissil bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu ta' Ġesù, fl-aħħar qisu bħal jagħti prova: "Anke qaribtek Eliżabetta, dik li kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, qegħda fis-sitt xahar tat-tqala tagħha għax għal Alla xejn mhu impossibbli."

Aħna nafu illi San Luqa, almenu hekk jirrakkonta, "Ftit wara Marija marret tħaffef lejn l-għoljiet tal-Lhudija" (ara Lq 1:39-56). Marija ħasset il-bżonn li taqsam ma' xi ħadd li seta' jifhimha dak li ġralha f'Nazareth. U min seta' jifhimha aktar, jekk mhux qaribitha Eliżabetta, li Alla wkoll b'xi mod jidħol b'mod straordinarju fl-istorja tagħha u ta' Żakkarija bit-tnissil ta' Ġwanni l-Battista? Hekku proprju f'dak il-mument tal-laqgħa tagħhom għajtet Eliżabetta! Ġibu quddiem għajnejkom il-Vanġelu: "Għax ara malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija qabżet fil-ġuf. Hienja dik....", toħroġ dik il-kelma sabiħa minn fomm Eliżabetta... tafuh bl-amment kważi kważi, daqs kemm ilna nisimgħu dan il-Vanġelu, hux hekk? "Hienja dik li emmnet kull ma ntqalilha min-naħa tal-Mulej!" Imbagħad bħal ma nafu u diġà għidt, bil-qawwa tal-Ispirtu f'dak l-ambjent ta' ferħ, Marija tisplodi b'dak l-Innu ta' Radd-il Ħajr, tal-*Magnificat*.

"It-tarbija qabżet fi ħdani." Ħafna minnkom ommijiet. Dawn l-ommijiet... min jaf x'ferħ ħassejtu meta ġarrejtu lil uliedkom għal disa' xhur f'ġufkom u malli bdejtu tħossu lit-tarbija tiċċaqlaq f'ġufkom? Intom l-ommijiet tistgħu tgħiduha din, li kellkom il-grazzja tal-maternità... sabiħa immens! Kemm ferħ tqanqal ċaqlieqa ta' tarbija fil-ġuf! Min jaf x'ferħ tista' tqanqal ċaqlieqa ta' tarbija fil-ġuf!

## Darba kelli esperjenza...

Bagħtuni l-isptar, esperjenza sabiħa, imma l-kuntest ma kienx sabiħ. Tfajla ħarġet tqila minn persuna li kien sfortunatament ibati bil-vizzju tad-droga u proprju ftit qabel ma welldet, neħħa ħajtu b'idejh. Tistgħu timmaġinaw din il-povra tfajla li waslet biex kważi twelled, imma ovvjament din l-esperjenza hija tal-biki u għal xi raġuni sejħuli għax kien hemm ħafna taħwid. Qaluli: "Ejja itlob fuqha l-isptar." Niftakar, ommha qaltli: "*Father* qiegħed idejk fuq it-tarbija ġo ġuf ommha." U hekk għamilt jien. Għamilt l-istola u poġġejt idejja. Imma dik it-tarbija waqt li tlabt, kieku tafu kemm qabżet! Bdejt inħossha taqbeż u tant imlietni b'ferħ, għax huma kienu ħasbu li t-tarbija mietet bix-xokk. (It-tarbija twieldet jumejn wara. It-tobba qaluli li se jmut u għammidtu bit-tajjara. Għall-grazzja ta' Alla din it-tarbija huwa ġuvni ta' 15-il sena.

Eliżabetta ħasset lil Ġwanni jiċċaqlaq f'ġufha. Hawn hi l-Kelma li Żakkarija sema' minn fomm l-Arkanġlu Gabriel: "Ikun mimli bl-Ispirtu Qaddis sa minn ġuf ommu." Jiġifieri, San Luqa qed jgħidilna indirettament illi fil-mument tal-laqgħa taż-żewġ ommijiet, Eliżabetta li kellha sitt xhur u ftit, tqala (nimmaġinaw), Marija li kienet għadha fil-bidu tat-tqala, (kieku llum jgħidu b'mod dispreġġjattiv 'ftit ċelloli'), bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, hawn hu l-Ispirtu profetiku illi



diġà kellu sitt xhur Ġwanni fil-ġuf, jifraħ bil-preżenza ta' dak li mbagħad 'il quddiem fil-missjoni pubblika tiegħu, tletin sena wara, kellu jipprietkaH u jindikaH bħala l-Ħaruf ta' Alla, dak li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. U din il-grazzja ġġegħelni nirrifletti: Kemm hu veru mela dak li qal l-Anġlu, illi Ġwanni sa minn ġuf ommu kellu jkun mimli bl-Ispirtu Qaddis!

Bil-qawwa tal-Ispirtu jagħti l-kelma lil ommu, illi kif jgħid Papa Franġisku, u mhux hu biss... Eliżabetta mbagħad tlissen l-ewwel Beatitudni tal-Vanġelu: "Hienja dik li emmnet dak li ntqalilha min-naħa tal-Mulej!" Kemm hi sabiħa! Mhux biss issejjaħ lil Marija: 'Omm il-Mulej tiegħi,' imma toħroġ dik il-Beatitudni: 'Hienja dik li emmnet dak kollu li ntqal min-naħa tal-Mulej.'

Allura din iġġegħelni nirrifletti u ngħid: 'Kemm hu importanti għal Alla, kemm hija mportanti għal Alla t-tarbija fil-ġuf, sa mill-mument tat-tnissil tagħha?! Diġa' Ġeremija, fl-Antik Testment tkellem dwarha, li mbagħad japplikaha għalih San Pawl Missierna fejn qal: 'Il-Mulej għażilni sa minn ġuf ommi.' Hekk insibuha fl-Ittra lill-Galatin 1:15.

Mela Alla hekk iħares lejn il-bniedem, anke ħa nużaw l-istess kelma dispreġġjattiva: Anke meta jkun 'ftit ċelloli', għal Alla hemm diġà persuna sħiħa. Iħares fil-ġuf, is-santwarju tal-ħajja tal-mara, tal-ommijiet kollha u f'dawk il-'ftit ċelloli' jara persuna, persuna li għandha missjoni u bħal per eżempju, bħal San Ġwann il-Battista, persuna mimlija bl-Ispirtu Qaddis sa minn, appuntu, sa minn ġuf ommu.

X'applikazzjoni jista' jkollha din f'dinja fejn il-pajjiżi kollha, neħħi tnejn jew tlieta, li aċċettaw il-liġi tal-abort...? Fejn ma niddefendux lill-persuna umana sa mill-bidu tat-tnissil tagħha...? Issa oqogħdu attenti hawnhekk... m'aħna niġġudikaw lil ħadd u lanqas lil min għaddej mill-esperjenza tal-abort. Imma fid-dawl ta' Ġwanni l-Battista, mimli bl-Ispirtu s-Santu sa minn ġuf ommu, ma nistax jien, aħna ma nistgħux, ma nistagħġbux bil-bluha tal-bniedem ta' llum. Min ma jagħrafx lill-

bniedem persuna, anke jekk għadu fil-formazzjoni fiżika, formazzjoni sħiħa tiegħu, fil-ġuf qaddis t'ommu, hija kiefra meta wieħed jiftakar, sakemm temmen jew ma temminx f'Alla, meta tiftakar li l-bniedem mhux kapaċi jiddefendi lil sieħbu li għadu fil-bidu, fl-ewwel stadji, fl-ewwel mumenti tat-tnissil u tal-formazzjoni umana tiegħu. Ħaġa twaħħxek! U għalhekk il-Kelma ta' Alla tagħmlilna kuraġġ, mhux biss biex ngħożżu l-ħajja umana, imma biex niftakru li Alla, għal Alla hemm bniedem sħiħ fil-ġuf tal-omm li diġà għandu missjoni, hemm bniedem li bħal Ġwanni l-Battista huwa ġa mimli bl-Ispirtu Qaddis sa minn ġuf ommu.

Veru, illum tagħmel diskors hekk jgħidulek: "Kemm għadek lura!" Fejn huma d-drittijiet ċivili? Jitħassruna li għandna għeruqna, jgħidulna 'fil-Medju Evu.' Aħna nippruvaw inniżżlu l-għeruq tagħna fil-Kelma u aħna li nħobbu lil Ġwanni l-Battista, ma nistgħux ma nagħmlux din il-konsiderazzjoni. L-Ispirtu s-Santu ma jaħdimx biss f'Ġwanni f'ġuf ommu, kif sejrin naraw fil-mumenti li sejrin niltaqgħu biex nisimgħu l-Kelma, imlaqqma fil-Kelma fuq Ġwanni l-Battista, kull ħidma tal-Battista mlaqqma' mbagħad fl-Ispirtu s-Santu. Il-fatt meta San Luqa jagħlaq il-ftit dettalji li jagħtina fuq Ġwanni l-Battista jgħid: "It-tifel kiber u ssaħħaħ f'ruħu." Hawnhekk nistgħu nifhmu l-ftuħ għall-Ispirtu Qaddis ta' Alla li kien qed iħejjilu għall-missjoni hekk kbira: "It-tifel kiber u ssaħħaħ f'ruħu u baqa' jgħix fid-deżert sa dakinhar li ħareġ u kien Iżraeli." Vers sabiħ immens... Għandna dan Ġwanni li jgħix fid-deżert fil-moħbi tal-bniedem, illi fil-Ispirtu u s-solitudni għandu qalbu, widnejh, l-eżistenza kollha tiegħu miftuħa kollha għal Alla. Fid-dawl tal-Kelma ta' Gabriel: "Ikun mimli bl-Ispirtu s-Santu sa minn ġuf ommu," nistgħu tabilħaqq nemmnu li s-snin ta' Ġwanni fid-deżert, kienu snin illi fih kien miftuħ għat-tnebbih tal-Ispirtu s-Santu, iħejjih għall-missjoni l-kbira.

"Ikun mimli bl-Ispirtu s-Santu Qaddis sa minn ġuf ommu." Mhux ta' b'xejn li Żakkarija jista' jgħanni fil-*Benedictus*: "U int tissejjaħ Profeta (Profeta huwa dak li mimli bl-Ispirtu) ta' Alla l-Għoli, għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu."

## Referenzi

1 Din hija l-ewwel minn sensiela ta' katekeżijiet li l-awtur għamel fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, Għawdex, matul is-sena 2020).



# L-ISFOND TAL-PROLOGU TAL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

*David ikanta s-Salmi*



Ħarsa lejn il-kummentarji l-kbar tal-Evanġelju skont San Ġwann turina kemm il-Prologu ta' dan l-Evanġelju (Ġw 1:1-18) ġie studjat b'reqqa. Dawn l-ewwel tmintax-il vers li bihom jiftaħ ir-Raba' Evanġelju huma differenti mill-kumplament tal-Evanġelju. F'dan l-artiklu se nippruvaw naraw x'inhu l-isfond kemm ta' dawn il-versi kif ukoll ta' xi wħud mill-kunċetti li l-Evanġelista juża fil-Prologu. Se nippruvaw naraw ukoll jekk hemmx kontinwazzjoni bejn il-Prologu u l-kumplament tan-narrativa ta' dan l-Evanġelju.



*Manuskritt bl-ittri ta' San Pawl*

## L-oriġini tal-Innu

Il-mistoqsija dwar in-natura tal-Prologu hija marbuta mal-oriġini ta' dawn il-ftit versi li jidher li jirriflettu t-tradizzjoni bikrija ta' *innijiet (hymns)* li tagħmel parti mil-letteratura tat-Testment il-Ġdid.[1] L-istudju tal-*innijiet* li nsibu fit-Testment il-Ġdid jidher li huwa mibni fuq sfond meħud mit-Testment il-Qadim b'rabta ma' valur liturġiku, bħalma huma s-Salmi u t-talb li nsibu fit-Tieni Ktieb tal-Makkabin. Fi studju ppubblikat fl-1914 diġà kienu ġew identifikati tal-inqas 196 innu u talb ieħor fit-Testment il-Qadim li setgħu kellhom xi influwenza fuq il-kitbiet tat-Testment il-Ġdid.[2] Fid-dinja antika tal-Babilonja, tal-Assirja u tal-Eġittu, *l-innijiet* kienu jiġu distinti kemm minn fatturi formali kif ukoll mill-istess kontenut, speċjalment permezz mill-mod kif kienu mibnija b'mod poetiku u mill-indirizz tagħhom lejn l-allat.[3] Kien hemm ukoll innijiet marbuta mad-dinja tal-filosofija tal-Istojċi li kienu jfaħħru lil Zeus,[4] jew dawk marbuta mal-kult reliġjuż fil-letteratura *Ermetika (Hermetic)*, bħall-innu lil Omeru,[5] kif ukoll it-testi gnostiċi u dawk tal-*Mandeans.*[6] Ma' dawn ma nistgħux ma nsemmux innijiet indirizzati lil persuni meqjuma bħala allat, fosthom l-Imperaturi Rumani.[7]

Fil-każ tal-Prologu ta' San Ġwann li jeżalta lil *logos*, Ġesù Kristu bħala Alla, il-mistoqsija tibqa' jekk verament nistgħux insejħu dawn il-ftit versi bħala *innu*[8] jew inkella bħala xi ħaġa oħra hekk kif is-sintassi, l-istil u ħafna mill-vokabularju tal-Prologu huma tipiċi għal dawk li nsibu fil-kumplament ta' dan l-Evanġelju.[9]

Xi studjużi oħra huma tal-fehma li partijiet speċifiċi tal-Prologu jappartjenu għall-*innu* oriġinali li fuqu l-awtur ta' dan l-Evanġelju ikkompona l-Prologu. Fost dawn nistgħu nsemmu lil Rudolf Bultmann, Ernst Käsemann, u Rudolf Schnackenburg li jaqblu li Ġw 1:1-4/5 u vv. 9-11 jew 10-12 tal-Prologu jappartjenu lill-*innu* oriġinali. Fl-istess ħin, dawn l-istess studjużi jesprimu inċertezza dwar jekk l-ewwel

sezzjoni poetika tal-Prologu tagħlaqx fil-vers 4 jew 5.[10] Din l-inċertezza wasslet biex studjużi oħra esprimew xettiċiżmu dwar dawn il-konklużjonijiet.[11]

## L-isfond tad-dinja Griega

Fil-bidu tas-seklu 20, bosta studjużi argumentaw favur l-idea li n-nozzjoni tal-*logos* fil-Prologu hija meħuda mid-duttrina Griega tal-*logos* kif trasmessa mill-kitbiet ta' Filone.[12] Filone jitkellem mil-*logos personalizzat,* bħala l-Kelma Divina, l-ewwel fost l-imwelldin ta' wlied Alla, il-viċi reġġent ta' Alla fid-dinja, l-intermedjarju bejn Alla u l-umanità, u bħala dak li kien minn dejjem jew pre-eżistenti.[13] F'dan ir-rigward, hemm rabta bejn il-ħsieb tal-filosofija Griega u l-Prologu ta' San Ġwann.

Minkejja dan ix-xebh, studjużi oħra warrbu ħafna minn dawn l-argumenti minħabba li Filone ma setax ippropona l-kunċett ta' pre-eżistenza tal-*logos* qabel iż-żmien li fih inkiteb it-Testment il-Ġdid. Minbarra hekk, hemm nuqqas ta' paralleliżmu eżatt bejn il-kitba ta' Filone u r-referenzi għat-Testment il-Ġdid.[14]

## L-isfond tad-dinja Lhudija

Numru ta' studjużi oħra jipproponu li l-Prologu ta' San Ġwann jista' jiġi identifikat mat-Tradizzjoni tal-Għerf, speċjalment kif


*San Ġwann ma' Marija taħt is-Salib*

insibuha mfissra fil-kotba tal-Għerf fit-Testment il-Qadim.[15] L-argumenti favur din il-pożizzjoni huma bbażati fuq l-idea tal-*Logos/Kelma* li toħloq bħalma naqraw fil-ewwel kapitlu tal-ktieb tal-Ġenesi u f'kitbiet oħra tat-Testment il-Qadim.[16] Fit-tradizzjoni biblika kien hemm żvilupp dwar l-idea tal-*Għerf* (bil-Grieg: *sophia*) bħala figura intermedjarja attiva fil-ħolqien.[17] Dan nistgħu narawh fil-paralleliżmu li hemm bejn dak li naqraw f'dawn is-siltiet mit-Testment

il-Qadim ma' dak li naqraw fil-Prologu ta' San Ġwann.

Hekk, pereżempju, l-espressjoni li biha jiftaħ l-Evanġelju skont San Ġwann: "Fil-bidu kien il-Verb"[18] taqbel ma' testi tat-Testment il-Qadim.[19] Hekk ukoll il-kumplament tal-ewwel vers tal-Evanġelju skont San Ġwann "u l-Verb kien ma' Alla"[20] hu f'paralleliżmu ma' testi oħra li nsibu fil-letteratura tal-Għerf.[21] C.H. Dodd saħansitra rnexxielu jidentifika paralleliżmu mit-Testment il-Qadim għal kważi kull wieħed mit-tmintax-il vers li jiffurmaw il-Prologu.[22]

Din il-proposta ġiet aċċettata minn bosta studjużi ta' dan l-Evanġelju, speċjalment fejn tidħol in-nozzjoni tal-*logos* fil-Prologu.[23] Kontra din il-pożizzjoni iżda tibqa' l-mistoqsija kif in-nozzjoni tal-*Għerf* fit-Testment il-Qadim ġiet mibdula għal dik ta' *logos* fl-Evanġelju skont San Ġwann. Bħala tweġiba għal din il-mistoqsija numru ta' studjużi oħra ppurvaw juru li dawn it-tip ta' kwestjonijiet kienu jagħmlu parti mid-dibattitu fi żmien tal-Ġudaiżmu Ellenistiku.[24]

## L-isfond Gnostiku

Minbarra dawn iż-żewġ pożizzjonijiet li l-aktar ġew aċċettati minn numru ta' studjużi fir-rigward tal-isfond tal-Prologu ta' San Ġwann, hemm oħrajn li jżommu li l-Prologu jirrifletti sfond gnostiku jekk mhux ukoll *Mandean,* inkluż l-idea tar-redentur li ġej mis-sema. Din l-idea kienet ppreżentata għall-ewwel darba minn Bultmann u kompliet tissaħħaħ minn James Robinson,[25] li jsostnu li hemm mit *(myth)* gnostiku pre-Kristjan li influwenza l-ħsieb nisrani. Din il-pożizzjoni ġiet sfidata minn studjużi oħra li wrew li d-dokumenti li kien qed juża Bultmann, jekk verament kienu jeżistu, inkitbu wara li nkiteb l-Evanġelju skont San Ġwann. Dan ifisser li l-letteratura gnostika kkwotata minn Bultmann kienet influwenzata mill-Evanġelju skont San Ġwann u mhux viċi-versa.[26]

## Il-Prologu bħala parti mill-Evanġelju

Studjużi oħra, fosthom Craig Evans, D.A. Carson u Craig Keener huma tal-fehma li l-kompożizzjoni tal-Prologu mhijiex riżultat ta' xi għajn li minnu kien qed jieħu l-awtur tar-Raba' Evanġelju. Minflok, l-ewwel tmintax-il vers tal-Evanġelju huma kompożizzjoni tal-awtur.[27] Fid-dawl ta' dan ġie ssuġġerit li jkun aħjar jekk il-Prologu jiġi eżaminat l-ewwel u qabel kollox f'relazzjoni mal-funzjoni tiegħu bħala parti mill-istess Evanġelju, permezz tat-teoriji letterarji, retoriċi u soċjoloġiċi.[28]

Hekk pereżempju filwaqt li Bernard ipprova jgħaqqad il-Prologu mad-diskussjoni wiesgħa filosofika, speċjalment fejn jidħol il-ħsieb tat-Testment il-Qadim, numru ta' studjużi oħra jqisu l-Prologu bħala introduzzjoni formali għall-ideat jew it-temi ewlenin li nsibu fil-kumplament tal-Evanġelju. Beasley-Murray huwa fost dawk li jqisu l-Prologu ta' San Ġwann bħala wieħed li jipprovdi direzzjoni lill-qarrej dwar kif għandu jaqra u jifhem in-narrativa żviluppata ta' dan l-Evanġelju.[29]

Fil-fatt, hemm min iddeskriva jew xebbah il-Prologu mal-"overture" mużikali.[30] F'dawn il-proposti, l-istudjużi juru kif il-Prologu huwa parti integrali mal-kumplament ta' dan l-Evanġelju, anke jekk xi wħud mill-kliem, bħal kelma *logos,* insibuha wżata biss fil-Prologu. Studjużi oħra li jżommu din il-linja ta' ħsieb turi kif l-għan li għalih inkiteb dan l-Evanġelju espress fi Ġw 20:30-31 huwa marbut ma' dak li naqraw fil-Prologu, preċiżament f'Ġw 1:14 permezz tar-realtà tal-Inkarnazzjoni tal-*logos.*

## Konklużjoni

F'dan kollu toħrog il-mistoqsija tal-kontribut tal-Prologu għall-kumplament tal-Evanġelju, bħalma hija l-oriġini u d-destinazzjoni ta' Ġesù, il-*logos* inkarnat; ir-rwol ta' Ġesù bħala dak li jirrivela l-Missier; it-tweġibiet ta' fidi jew nuqqas

ta' fidi lejn Ġesù bħala l-Iben ta' Alla; ir-relazzjoni ta' Ġesù ma' figuri oħra li jissemmew fin-narrativa tal-Evanġelju.[31] Żgur li l-Prologu jintroduċina mat-temi l-kbar li l-Evanġelista San Ġwann jiżviluppa matul in-narrativa tiegħu, fosthom id-duwaliżmu bejn id-dlam u d-dawl, ix-xhieda ta' Ġwanni l-Battista, it-tema tal-glorja (bil-Grieg: *doxa*) moħbija fil-ġisem/laħam (bil-Grieg: *sarx*) ta' Ġesù; u t-tema ta' wlied Alla għal dawk li jemmnu f'Ġesù.



*Ġesù Pantacrator*

## Referenzi


1 Ara per eżempju l-argumenti dwar il-Prologu f'dan il-kuntest fix-xogħol ta' R.N. Longenecker, New Wine into Fresh Wineskins: Contextualizing the Early Christian Confessions (Peabody, MA: Hendrickson, 1999), 111-114.

2 Ara Charles F. Kent, The Songs, Hymns, and Prayers of the Old Testament (London: Hodder & Stoughton, 1914).

3 Ara Frederick A. Vanderburgh, Sumerian Hymns from Cuneiform Texts in the British Museum (New York: Columbia University Press, 1934).

4 Ara S. Van Arnim, Stoicorum veterum fragmenta (Stuttgart: Teubner, 1964), 1:121-122.

5 L-aktar studju sostenibli li jippreżenta r-relazzjoni tal-letteratura Ermetika mat-Testment il-Ġdid huwa dak ta' Charles H. Dodd, The Bible and the Greeks (London: Hodder & Stoughton, 1934), 99-248. Ara wkoll, Charles H. Dodd, Interpretation of the Fourth Gospel (Cambridge: Cambridge University Press, 1953), 10-53. Għall-letteratura Ermetika ara, Hugh G. Evelyn-White, Hesiod, the Homeric Hymns, and Homerica (London: Heinermann; Cambridge, MA: Harvard University Press, 1950), 285-463.

6 Ara James M. Robinson, ed., The Nag Hammadi Library in English (New York: Harper & Row, 1988).

7 Ara Larry J. Kreitzer, Striking New Images: Roman Imperial Coinage and the New Testament World. Journal for the Study of New Testament Supplement Series 134 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1996), 69-98.

8 Ara l-argumenti ta' Jack T. Sanders, The New Testament Christological Hymns: Their Historical Religious Background. SNTS Monograph Series 15 (Cambridge: Cambridge Univeristy Press, 1971), 21.

9 Dwar dan ara, Craig A. Evans, Word and Glory: On the Exegetical and Theological Background of John's Prologue. Journal for the Study of New Testament Supplement Series 80 (Sheffield: JSOT Press, 1993), 185.

10 Ara Rudolf Bultmann, The Gospel of John: A Commentary, trans. G.R. Beasley-Murray et al. (Oxford: Blackwell, 1971), 16-17; Ernst Käsemann, "The Structure and Purpose of the Prologue to John's Gospel," in New Testament Questions of Today (Philadelphia: Fortress, 1969), 138-167; Rudolf Schnackenburg, The Gospel according to St. John. trans. K. Smyth et al. (London: Burns & Oates, 1968), 1:224-229.

11 Ara l-argumenti ta' C.K. Barrett, The Gospel according to St. John. 2nd ed. (Philadelphia: Westminister, 1978), 150-151.

12 Ara l-istudji ta' Elizabeth Harris, Prologue and Gospel: The Theology of the Fourth Evangelist. Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 107 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1994), 196-201; Robert G. Bury, The Fourth Gospel and the Logos-Doctrine (Cambridge: Heffer, 1940); Edwin K. Lee, The Religious Thought of St. John (London: SPCK, 1950), 74-108.

13 Ara James Adam, The Religious Teachers of Greece (Edinburgh: T&T Clark, 1909).

14 Ara l-argumenti ta' James D.G. Dunn, Christology in the Making (Philadelphia: Westminister, 1980), 220-230.

15 Għal din il-pożizzjoni ara x-xogħol klassiku ta' J. Rendel Harris, The Origin of the Prologue in St John's Gospel (Cambridge: Cambridge University Press, 1917), 1-66.

16 Ara pereżempju Salm 33:6; 107:20; 147:15.18; Isa 55:10-11.

17 Ara Għerf 9:1-2; 18:14-16.

18 Ġw 1:1a.

19 Ara Prov 8:22-26; Sir 1:1-19; 24:3-4.

20 Ġw 1:1b.

21 Ara Għerf 9:4; Prov 8:30.

22 Ara Dodd, Interpretation of the Fourth Gospepl, 263-285.

23 Fost dawn l-istudjużi ara Oscar Cullmann, The Christology of the New Testament. trans. S.C. Guthrie u C.A.M. Hall, 2nd (London: SCM, 1963), 248-269; Martin Scott, Sophia and the Johannine Jesus. Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 71 (Sheffield: JSOT Press, 1992), 94-115.

24 Ara Wilfred L. Knox, Some Hellenistic Elements in Primitive Christianity, Schweich Lectures (London: British Academy, 1944), 44.

25 Ara Bultmann, John, 14-18; James M. Robinson, "The Johannine Trajectory," in Trajectories through Early Christianity, eds. Jamees M. Robinson u Helmut Koester (Philadelphia: Fortress, 1971), 232-268.

26 Ara Evans, Word and Glory; Peter M. Phillips, The Prologue of the Fourth Gospel: A Sequential Reading. Library of New Testament Studies 294 (London: T&T Clark, 2006), 96-106.

27 Ara Evans, Word and Glory, 185, no.3; D.A. Carson, The Gospel according to John. Pillar New Testament Commentary (Grand Rapids: Eerdmans; Leicester: InterVarsity Press, 1991), 111-112; Craig S. Keener, The Gospel of John: A Commentary (Peabody, MA: Hendrickson, 2003), 1:333-334.

28 Ara x-xogħol ta' Phillips, The Prologue of the Fourth Gospel; Adesola J. Akala, The Son-Father Relationship and Christological Symbolism in the Gospel of John. Library of New Testament Studies 505 (London: Bloomsbury, 2014).

29 George Beasley-Murray, John. Word Biblical Commentary 36 (Dallas: Wod, 1999), 5; Derek Tovey, Narrative Art and Act in the Fourth Gospel. Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 151 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1997), 99.

30 Ara x-xogħol ta' John N. Sanders u B.A. Mastin, A Commentary on the Gospel according to St. John. Black's New Testament Commentaries (London: A&C Black, 1968), 67, li jqablu l-Prologu mal-overture tal-opra ta' Wagner.

31 Fuq dan il-punt ara Warren Carter, "The Prologue and John's Gospel: Function, Symbol, and the Definitive Word," Journal for the Study of the New Testament 39 (1990): 37.

Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




# ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## Tiġdid L-Art Imqaddsa 2021

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2021



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Knisja ddedikata lit-Tieg ta' Kana - Ritratt: Andre Mangion*